# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 27 ta' Marzu, 2023**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 1001/2014 ISB**

**More Supermarkets (Hamrun) Ltd (C-57252), More Supermarkets (Mosta) Ltd (C-60925), More Supermarkets (Fgura) Ltd (C-61496), More Supermarkets (P'Ville) Ltd (C-61504) u D. More Holdings Ltd għal kull interess li jista' jkollha**

**Vs**

**Alexander Farrugia; u b'digriet tal-15 ta' Ġunju 2015 l-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan ġew nominati bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Ryan Schembri; Adrian Agius u Cassar & Schembri (Marketing) Ltd u b'digriet tad-29 ta' April 2022 l-kuraturi deputati l-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan gew estromessi mill-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Ġuramentat** tas-soċjetajiet attriċi **More Supermarkets (Hamrun) et**, intavolat fil-11 ta' Novembru 2014, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:

1) *Tiddikjara li l-konvenuti Ryan Schembri u Adrian Agius ma kenux awtorizzati sabiex jidhru ghan-nom tas-socjetajiet attrici [barra D.More Holdings Ltd] fuq il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in Atti Nutar Claire Camilleri ta' l-20 ta' Gunju 2014, u kkommettew rapprezentazzjoni ndebita frodi u qerq meta rrapprezentaw ruhhom b'mod falz bhala persuni awtorizzati biex jirrapprezentaw l-istess;*

2) *Tiddikjara li l-kawzali tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in Atti Nutar Claire Camilleri ta' l-20 ta' Gunju 2014 hija ghal kollox falza w fabbrikata u li socjetajiet attrici komparenti qatt ma sselfu l-flejjes imsemmija mill-konvenut Alexander Farrugia;*

3) *Konsegwentement, tiddikjara r-rexxizjoni tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in Atti Nutar Claire Camilleri ta' l-20 ta' Gunju 2014 fil-konfront tas-socjetajiet More Supermarkets (Hamrun) Ltd; More Supermarkets (Mosta) Ltd; More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd;*

4) *Konsegwentement ghat-tielet talba, tordna t-thassir ta' l-ipoteka generali msemmija fuq il-kuntratt de quo fil-konfront tas-socjetajiet More Supermarkets (Hamrun) Ltd; More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd;*

5) *Konsegwentement ghat-tielet talba wkoll, tordna t-thassir tal-kambjala msemmija fuq il-kuntratt de quo fil-konfront tas-socjetajiet More Supermarkets (Hamrun) Ltd, More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd;*

6) *Tinnomina Nutar ghall-pubblikazzjoni ta' l-Att ta' rexxizjoni tal-kuntratt de quo, flimkien ma' kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci;*

7) *Tiddikjara l-konvenuti, in solidum bejniethom, responsabbli ghad-danni, in vista tal-qerq u frodi u tal-agir perpetwat*

*xjentement u maghmula minnhom a detriment tas-socjetajiet attrici;*

8) *Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjetajiet attrici minhabba l-qerq u frodi kommess mill-konvenuti;*

9) *Tikkundanna l-konvenuti, in solidum bejniethom, ihallsu lis-socjetajiet attrici, d-danni hekk likwidati;*

U dan wara illi ppremettew:

1. *Illi l-partijiet, hlief ghal D.More Holdings Ltd, gew inkluzi u mdahhla bhala komparenti fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in Atti Nutar Dottor Claire Camilleri, datat 20 ta' Gunju 2014 (li kopja tieghu hi hawn ezebita w annessa w mmarkata bhala Dok. MS1), fejn is-socjetajiet attrici ikkostitwew ruhhom, flimkien ma' certi socjeta` Cassar & Schembri (Marketing) Ltd., u Ryan Schembri personalment, bhala debituri in solidum fl-ammont ta' miljun Euro u nofs (€1,500,000), favur il-konvenut Alexander Farrugia, u dan skond l-istess kuntratt, minhabba self brevi manu li dikjaratament w allegatament fil-maggior parti (mhux precizata) ghaddha minghand il-konvenut Farrugia ghand is-socjetajiet rikorrenti u fi zmien, ukoll mhux precizat, qabel id-data tal-imsemmi kuntratt u in parti (mhux precizata) li ghaddiet ma' l-iffirmar tal-istess kuntratt;*
2. *Illi ghas-socjetajiet attrici komparenti More Supermarkets (Mosta) Ltd; More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd deher il-konvenut Ryan Schembri wahdu "...ghan-nom u in rapprezentanza..." taghhom u ghas-socjeta' attrici More Supermarkets (Hamrun) Ltd deher l-istess imsemmi Ryan Schembri flimkien mall-konvenut Adrian Agius dejjem ""...ghan-nom u in rapprezentanza..." ta' l-istess socjeta''*
3. *Illi in effetti l-konvenut Ryan Schembri qatt ma seta' validament jidher b'dan il-mod u f'din il-kapacita' rapprezentattiva peress illi kien irrizenja minn Direttur tat-tlett socjetajiet rikorrenti More Supermarkets (Mosta) Ltd; More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd sa mis-7 ta' Mejju 2014 u ghalhekk, fid-data tal-kuntratt de quo hu ma kellu assolutament ebda rapprezentanza legali jew guridika f'dawn it-tlett socjetajiet rikorrenti – kuntrarjament ghal dak imsemmi fl-istess kuntratt de quo u ma seta' qatt u bl-ebda*

*mod jorbothom jew jassumi ebda obbligu kwalsiasi ghan-nom u in rapprezentanza taghhom validament skond il-Ligi;*

4. *Illi in oltre', fil-kaz tas-socjeta` More Supermarkets (Hamrun) Ltd, il-konvenuti Agius u Schembri agixxew ultra vires meta dehru fuq il-kuntratt de quo, stante li fil-11 ta' Gunju 2014, il-kumpanija kienet iddecidiet illi ebda strumenti ta' hlas, jew ftehim ta' kwalunkwe natura ma setghu isiru da parti tal-Bord tad-Diretturi minghajr l-approvazzjoni specifika tal-Laqgha Generali u stante wkoll illi fid-data tal-kuntratt de quo il-Bord tad-Diretturi ta' l-imsemmija socjeta' attrici ma kienx kostitwit validament kif rikjest mill-Ligi u mill-iStatut relattiv u dan kif ben maghruf lill-konvenuti Schembri u Agius;*

6. *Illi ghaldaqstant fl-20 ta' Gunju 2014, il-konvenuti Schembri u Agius dehru b'qerq u frodi fuq il-kuntratt de quo, u huma hatja ta' rapprezentazzjoni ndebita meta ddikjaraw ruhhom bhala awtorizzati li jidhru ghan-nom tas-socjetajiet attrici komparenti, meta fil-fatt dakinhar kienu ghal kollox zvestiti minn kull awtorita` biex jidhru u jagixxu ghan-nom ta' l-istess;*

7. *Illi oltre dawn il-fatti fuq imsemmija, jirrizulta li – kif il-konvenuti kollha, inkluz il-konvenut Alexander Farrugia, jafu u jafu ben tajjeb - ghal kollox kuntrarjament ghal dak dikjarat flil-kuntratt de quo, s-socjetajiet attrici qatt ma sselfu ebda flejjes minghand il-konvenut Alexander Farrugia, u ghaldaqstant il-kawzali nnifisha tal-kuntratt de quo hija ghal kollox falza w fabbrikata b'mod ghalhekk, li jrendi konsegwentement il-kuntratt de quo nnifsu null u bla ebda effett fil-Ligi;*

8. *Illi s-socjeta` D. More Holdings Limited hija l-azzjonista unika tas-socjetajiet attrici l-ohra, u ghaldaqstant ghandha interess legali f'din il-procedura, in kwantu, il-kuntratt de quo qieghed anke issa jirrekala danni ingenti, partikolarment wara l-konvenuti Schembri u Agius ghan-nom tas-socjetajiet attrici l-ohra taw ipoteka generali fuq il-beni ta' l-istess socjetajiet attrici komparenti u rrilaxxaw ukoll kambjala ghall-ammont indikat fl-istess kuntratt;*

9. *Illi l-konvenut Farrugia kien ilu zmien isegwi u kien perfettament edott mis-sitwazzjoni personali w finanzjarja tal-konvenuti Ryan Schembri u s-socjeta' protestata Cassar and Schembri (Marketing) Limited u kien ghalhekk jaf u pjenament konxju tal-fatt illi hu ma' kellu jithallas assolutament xejn minnghand is-socjetajiet rikorrenti li lilhom ma ta' ebda self kif minnu falzament u xjentement dikjarat fuq il-kuntratt de quo;*

10. *Illi l-agir tal-konvenuti Farrugia, Schembri u Agius huwa wiehed abbuziv, illegali u frawdolenti meta dehru fuq il-kuntratt de quo, meta fl-ewwel lok il-kawzali kollha tal-kuntratt innifsu hija ghal kollox falza u fabbrikata u meta fit-tieni lok il-konvenuti Schembri u Agius ma kellhom ebda rapprezentanza valida li setghet torbot jew tivvinkola s-socjetajiet attrici u relattivament ghal dan is-socjetaijiet attrici ghaddew ukoll b'talba ghall-istituzzjoni ta' proceduri penali wara l-prezentazzjoni tal-Kwerela relattiva;*

11. *Illi ghad trid tigi ccarata f'din is-sitwazzjoni frawdolenti u kjarament abbuziva u llegali, il-posizzjoni tan-Nutar Claire Camilleri u l-involviment taghha fl-istess u f'dan is-sens is-socjetaijiet rikorrenti qeghdin minn issa jirrizervaw impregudikata l-posizzjoni taghhom;*

12. *Illi l-konvenut Farrugia ghaddha biex ipprezenta Ittra Ufficcjali datata 1 ta' Ottubru 2014 biex jittanta jirrendi ezegwibbli titolu bazat fuq il-kuntratt de quo, b'dan li din l-Ittra Ufficcjali ma gietx prezentata kontra d-debituri kollha indikati bhala tali fuq il-kuntratt de quo peress illi thalla barra il-konvenut Ryan Schembri – liema fatt jizdied mac-cirkostanzi suspettuzi u altament indikattivi tar-relazzjoni bejn il-konventi Mugliette u Schembri;*

13. *Illi l-inkluzjoni abbuziva u illegali tas-socjetajiet attrici More Supermarkets (Hamrun) Ltd; More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd fil-kuntatt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu de quo inkluz bir-registrazzjoni tal-ipoteka generali u bil-kambjala mahruga, li huma naxxenti minn kuntratt palezement invalidu diga qedhin jikkawzaw danni ingenti w attwali lis-socjetajiet attrici kollha li l-konvenuti kollha ghandhom personalment jaghmlu tajjeb ghalihom;*

14. *Illi debitament interpellati sabiex jersqu ghar-rexxizjoni tal-kuntratt de quo u ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni, il-konvenuti baqghu inadempjenti;*

15. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

Rat id-**digriet** tagħha, kif diversament preseduta, tat-13 ta' Novembru 2014 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2014 fl-10:30a.m.

Rat in-nota tas-soċjetajiet attriċi intavolata fl-4 ta' Diċembru 2014 (fol 15) li permezz tagħha ppreżentaw numru ta' affidavits u dokumenti (Dok A sa Dok L, fol 17 sa fol 182)

Rat **ir-risposta ġuramentata** ta' **Alexander Farrugia** ppreżentata fit-22 ta' Diċembru 2014 (fol 186), li permezz tagħha eċċeppixxa:

1. *Illi primarjament l-azzjoni attrici hija nulla minhabba l-irritwalita' tad-domandi hekk kif imressqa fir-rikors guramentat;*

2. *Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghal l-ewwel eccezzjoni it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jekk hemm element ta' frodi qieghed jigi ezercitat mill-atturi infushom sabiex jevitaw li jhallsu l-ammont dovut;*

3. *Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mill-Ligi ghar-rexissjoni tal-att publiku ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri datat ghoxrin (20) ta' Gunju elfejn u erbatax (2014);*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Rat ir-**risposta ġuramentata** tal-konvenut **Adrian Agius** intavolata fit-12 ta' Marzu 2015 (fol 199) li permezz tagħha eċċeppixxa:

1. *Illi l-intimat deher fuq il-kuntratt tal-20 ta' Gunju 2014 fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri limitatament in rapprezentanza ta' More Supermarkets (Hamrun) Ltd u ghalhekk mhux il-legittimu kontradittur in kwantu t-talbiet attrici jirreferu ghal More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd.*

2. *Illi f'kull kaz, l-intimat ma jirrispondix ghad-danni li qed jigu allegati minn D.More Holdings Ltd.*

3. *Fil-mertu, mhux minnu li l-intimat ma kellux jedd jirraprezenta lil More Supermarkets (Hamrun) Ltd fuq l-imsemmi kuntratt jew li kommetta rapprezentazzjoni ndebita, frodi u qerq meta deher fuq l-imsemmi kuntratt tal-20 ta' Gunju fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri, kif qed jigi allegat fl-ewwel talba attrici, kif ghandu jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza.*

4. *Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-imsemmi kuntratt datat 20 ta' Gunju 2014 fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri gie rikonoxxut u ratifikat mis-socjetajiet attrici tant li ghal xi zmien il-konvenut l-iehor Farrugia kien involut attivament fil-gestjoni tas-supermarkets tas-socjetajiet attrici genb ma genb ma' Darren Casha u kien biss wara li nqala dizgwid bejn Darren Casha u l-konvenut l-iehor Farrugia li Darren Casha istitwixxa dawn il-proceduri.*

5. *Illi rigward it-talbiet attrici bin-numri tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6), l-intimat jirrimetti ruhhu ghal gudizzju ta' din l-Onor. Qorti in kwantu huwa deher fuq l-imsemmi kuntratt in buona fede abbazi tal-informazzjoni li nghatat lilu u ma ghandu l-ebda interess li jopponi l-imsemmija talbiet kemm il-darba l-atturi jirnexxielhom jippruvaw l-allegazzjoni taghhom li l-kawzali tal-imsemmi kuntatt kienet "ghal kollox falza w fabbrikata".*

6. *Illi rigward it-talba attrici bin-numru (7), l-intimat jeccepixxi li huwa deher fuq l-imsemmi kuntratt fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri in buona fede u ghalhekk mhux minnu li kien hemm xi qerq, frodi jew agir petpetwat xjentement minnu a detriment tas-socjetajiet attrici.*

7. *Illi ghalhekk jsegwi li ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-attur kif qed jintalab fit-tmien (8) talba u li l-intimat ma ghandux ikun ikkundannat ihallas kwalsiasi danni lill-atturi jew min minnhom.*

8. *Illi f'kull kaz u minghajr pregdizzju ghas-suespost, is-socjetajiet attrici jridu jippruvaw il-konnessjoni bejn l-agir tal-intimat allegat minnhom fir-rikors guramentat*

9. *Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-socjetajiet attrici jridu jippruvaw ukoll li bl-agir taghhom imminimizzaw id-danni u ma ikkontibwixxew huma stess ghall-istess.*

10. *Illi f'kull kaz, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetajiet attrici jihtigilhom igibu prova skond il-ligi tal-quantum tad-danni li qed jirreklamaw.*

11. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi*

Rat illi permezz tad-digriet tagħha tal-15 ta' Ġunju 2015 (fol 209) innominat bħala kuraturi għall-assenti Ryan Schembri lill-Avukat Christopher Chircop u lill-Prokuratur Legal Davina Sullivan.

Rat ir-**risposta ġuramentata** tal-**kuraturi deputati l-Avukat Christopher Chircop u PL. Davina Sullivan** intavolata fl-14 ta' Settembru 2015 (fol 214) li permezz tagħha eċċeppixxew:

1. *Illi huwa s-soċjetajiet atturi li għandhom l-piż tal-prova u ċjoe illi jridu jkunu huma li jressqu l-provi u permezz ta' dawn l-istess provi mressqa minnhom jikkonvinċu lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess soċjetajiet atturi qegħdin jagħmlu fil-konfront tal-intimati huma fondati.*

2. *Illi l-esponenti ġew notifikati b'dan ir-rikors fis-27 t'Awwissu 2015, iżda mar-rikors ma kienx hemm anness d-dokumenti li huma indikati fl-elenku tad-dokumenti. Għaldaqstant huma qegħdin jitolbu lis-soċjetajiet atturi sabiex jgħaddulhom kopja tad-dokumenti indikati fl-elenku.*

3. *Illi l-esponenti jiddikjaraw li s-soċjetajiet atturi ma nfurmawhom bl-ebda informazzjoni li permezz tagħha huma jkunu jistgħu jagħmlu kuntatt ma l-assenti Ryan Schembri jew il-familjari tiegħu (minħabba li l-familjari jistgħu jkunu t'għajnuna għal esponenti sabiex ikun possibli għalihom li jagħmlu kuntatt mal-assenti Ryan Schembri) u għaldaqstant l-esponenti jistiednu lis-soċjetajiet atturi li jgħaddulhom kull informazzjoni li għandhom fil-pussess tagħhom jew b'informazzjoni oħra li l-istess soċjetajiet attri jafu biha u li permezz tagħha l-esponenti jkunu jistgħu jagħmlu kuntatt mal-assenti Ryan Schembri.*

4. *Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'għandhomx konoxxenza tal-fatti dan il-każ u għaldaqstant qegħdin jirriżervaw id-dritt li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma' dan il-każ.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2015 il-partijiet qablu li l-provi prodotti f'din il-kawża u fil-kawża b'Rikors Maħluf numru 1002/2014 għandhom jgħoddu bħala provi fiż-żewġ kawżi.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2015, xehdet in-**Nutar Claire Camilleri** u esebiet kopja ta' żewġ dokumenti (Dok CC1 u Dok CC2, fol 234 sa fol 239).

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2016, xehed **Etienne Cassar.**

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' April 2016 xehed **Antoine Farrugia**.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' April 2016 xehed **Joseph Saliba** li ġie eżentat minn kull rabta tas-sigriet uffiċjali u ippreżenta kopja ta' żewġ dokumenti (Dok JS1 u Dok JS2, fol 264 sa fol 265).

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Mejju 2016, xehdet **Audrey Ghigo**, li ġiet eżentata minn kull rabta tas-sigriet bankarju u ppreżentat numru ta' dokumenti (Dok AG1 sa Dok AG13, fol 275 sa fol 715). Xehdet ukoll **Johanna Bartolo**, li ġiet eżentata minn kull rabta tas-sigriet bankarju u ppreżentat numru ta' dokumenti (Dok JB1 sa Dok JB7, fol 719 sa fol 800). Xehdu wkoll **Jeanette Lepre, David Galea, Joseph Caruana** u **Daniel Azzopardi** li lkoll ġew eżentati minn kull rabta tas-sigriet bankarju.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Ġunju 2016, is-soċjetajiet rikorrenti ppreżentaw nota (fol 806) b'diversi dokumenti (Dok MS1 sa Dok MS9, fol 808 sa fol 834).

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2016 xehdet l-**Avukat Amanda Poole** u ppreżentat erba' dokumenti (Dok AP1 sa Dok AP4, fol 839 sa fol 851).

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2016 xehed **Edmond Mugliette in subizzjoni**. Rat ukoll illi s-soċjetajiet attriċi ppreżentaw nota b'affidavit.

Rat illi permezz ta' nota intavolata fil-11 ta' Jannar 2016 (fol 855) s-soċjetajiet attriċi ppreżentaw nota b'affidavit ta' **Darren Casha** (fol 856 sa fol 857).

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2017 xehdu il-PL **Eunice Grech Fiorini** li ppreżentat dokument (Dok EGF1, fol 867 sa fol 883) u Alexander Farrugia li ippreżenta għadd ta' dokumenti (Dok AF1, fol 886).

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2017, id-difensur tas-soċjetajiet attriċi ddikjara li m'għandux aktar provi xi jressaq.

Rat illi fl-udjenza tat-3 t'April 2017 xehed **Michael Azzopardi**.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2017 xehed **Roberto Stivala** u xehed **Kevin Catania** li ġie eżentat minn kull rabta tas-sigriet professjonali u ippreżenta numru ta' dokumenti (Dok KC1 sa Dok KC14, fol 921 sa fol 1169).

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2017 xehed **Darren Casha** in kontro-eżami.

Rat illi fl-udjenza tad-9 t'Ottubru 2017 xehed **Darren Casha** in kontro-eżami u ippreżenta numru ta' dokumenti (Dok DCD1 sa Dok DCD6, fol 314 sa fol 370).

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2018 xehed **Darren Casha** in kontro-eżami.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2018, id-difensur tas-soċjetajiet attriċi ppreżenta nota (fol 1211) b'dokumenti (Dok MSH1 sa Dok MSH5, fol 1212 sa fol 1238) li kien obbliga ruħu li jippreżenta Darren Casha f'udjenza preċedenti.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2018, xehdu **Raymond Camilleri** u **Adrian Zammit.**

Rat in-nota tal-konvenut **Alexander Farrugia** intavolata fit-2 ta' Marzu 2018 li permezz tagħha ippreżenta affidavit tiegħu stess (fol 1256 sa 1263).

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2018, xehdu **Antoine Farrugia** u **Dennis Francalanza.**

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2018, xehed **Dennis Francalanza** in kontro-eżami u ppreżenta żewġ dokumenti (Dok DF1 u Dok DF2, fol 1307 sa fol 1314).

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Settembru 2018, xehed **Patrick Camilleri** li ġie meħlus minn kull rabta tas-sigriet professjonali.

Rat illi fl-udjenza tat-8 t'April 2019 xehdet **Johanna Bartolo** li ġiet eżentata minn kull rabta tas-sigriet bankarju kemm fir-rigward ta' kontijiet tas-soċjetajiet attriċi u kemm fir-rigward ta' kontijiet ta' terzi persuni.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Ġunju 2019 id-difensur tal-konvenut **Adrian Agius** ippreżenta nota b'affidavit tiegħu stess, b'dokumenti annessi (Dok AA).

Rat illi fl-udjenza tas-7 t'Ottubru 2019, il-konvenut **Adrian Agius** ippreżenta nota b'għadd ta' dokumenti (Dok AAA1 sa Dok AAA6, fol 1349 sa fol 1388)

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2019 xehed **Alfred Ferrante** li ġie eżentat minn kull rabta tas-sigriet bankarju u ippreżenta dokument (Dok AF1, fol 1399).

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2020 xehed il-konvenut **Adrian Agius** in kontro-eżami.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2021 xehed il-konvenut **Alexander Farrugia**, in kontro-eżami.

Rat illi fl-udjenza tal-14 t'Ottubru 2021 id-difensur tal-konvenut Adrian Agius iddikjara li m'għandux iżjed provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' Frar 2022, l-istralċjarju tas-soċjeta konvenuta Cassar & Schembri iddikjara li m'għandux iktar provi xi jressaq. Rat ukoll li in linea mal-verbali tas-seduti preċedenti, il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi magħluq.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet estensivi magħmulha mill-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2023, id-difensur tal-konvenut Ryan Schembri iddikjara li qed jagħmel tiegħu s-sottomissjonijiet tal-konvenuti l-oħrajn.

Rat ukoll illi fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2023 id-difensuri tal-partijiet qabblu li l-kawża għandha titħalla għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjetajiet attriċi sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-kovenuti Ryan Schembri u Adrian Agius ma kienux awtorizzati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetajiet attriċi fuq il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri datat l-20 ta' Ġunju 2014, tiddikjara li l-kawżali tal-istess kuntratt huma foloz u kosegwentament tordna r-rexissjoni tal-istess kuntratt fil-konfront tas-soċjetajiet attriċi, kif ukoll l-ipoteka ġenerali u l-kambjala anċillari għall-istess kuntratt u finalment tillikwida d-danni kollha sofferti mis-soċjetajiet attriċi u tikkundanna l-konvenuti iħallsu l-istess danni.

Is-soċjetajiet attriċi jikkontendu li huma lkoll, ħlief għal D. More Holdings Ltd, ġew inklużi u mdaħħla bħala komparenti fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-Atti tan-Nutar Dottor Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014, fejn ikkostitwew ruħhom mas-soċjeta' konvenuta Cassar & Schembri (Marketing) Ltd. u Ryan Schembri personalment bħala debituri in solidum fl-ammont ta' miljun Ewro u nofs (€1,500,000) favur il-konvenut Alexander Farrugia u dana minħabba self *brevi manu* li dikjarament u allegatament fil-maġġior parti għaddha mingħand il-konvenut Mugliette għand is-soċjetajiet rikorrenti.

Jgħidu li għas-soċjetajiet attriċi More Supermarkets (Mosta) Ltd; More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Villi) Ltd deher il-konvenut Ryan Schembri waħdu, mentri għas-soċjeta' attriċi More Supermarkets (Hamrun) Ltd deher l-imsemmi Ryan Schembri flimkien mal-konvenut Adrian Agius.

Jispjegaw li Ryan Schembri qatt ma seta' validament jidher fuq l-imsemmi kuntratt minħabba li kien irriżenja minn Direttur tat-tlett soċjetajiet attriċi More Supermarkets (Mosta) Ltd., More Supermarkets (Fgura) Ltd, u More Supermarkets (P'Ville) Ltd sa mis-7 ta' Mejju 2014 u għalhekk ma kellu l-ebda rappreżentanza legali jew ġuridika tal-istess soċjetajiet.

Jispjegaw li fil-każ ta' More Supermarkets (Hamrun) Ltd., il-konvenuti Agius u Schembri aġixxew *ultra vires* fuq l-imsemmi kuntratt, stante li fil-11 ta' Ġunju 2014 il-kumpanija kienet ħadet deċiżjoni li ebda strumenti ta' ħlas jew ftehim ta' kwalunkwe natura ma setgħu isiru da parti tal-Bord tad-Diretturi mingħajr l-approvazzjoni speċifika tal-Laqgħa Ġenerali.

Jikkontendu għalhekk li l-konvenuti Schembri u Agius dehru fuq l-imsemmi kuntratt b'qerq u frodi u huma ħatja ta' rappreżentazzjoni ndebita meta ddikjaraw ruħhom bħala awtorizzati li jidhru għan-nom tas-soċjetajiet attriċi.

Oltre' minn hekk, jgħidu li l-konvenuti kollha kienu ben sapevoli li s-soċjetajiet attriċi qatt ma sselfu ebda flus mingħand il-konvenut Alexander Farrugia u għalhekk il-kawżali nnifisha tal-imsemmi kuntratt hija għal kollox falza u fabbrikata b'mod li jrendi il-kuntratt innifsu null u bla effett. Jgħidu li dan l-aġir wassal ukoll sabiex is-soċjetajiet attriċi għamlu wkoll talba għall-istituzzjoni ta' proċeduri penali wara l-preżentazzjoni tal-Kwerela relattiva.

Jispjegaw li s-soċjeta' attriċi D. More Holdings Limited hija l-azzjonista ewlenija tas-soċjetajiet attriċi l-oħra u għalhekk għandha interess legali f'din il-proċedura.

Jispjegaw li l-posizzjoni tan-Nutar Claire Camilleri u l-involviment tagħha fl-istess trid tiġi ċċarata u għalhekk qedgħin jirriservaw l-posizzjoni tagħhom fil-konfront tagħha.

Jgħidu li l-konvenut Alexander Farrugia ippreżenta Ittra Uffiċjali datata l-1 ta' Ottubru 2014 sabiex irendi eżegwibbli titolu bbażat fuq l-imsemmi kuntratt iżda minnha tħalla barra l-konvenut Ryan Schembri.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi il-**konvenut Alexander Farrugia** min-naħa tiegħu jgħid li l-azzjoni attriċi hija nulla minħabba l-irritwalita tad-domandi hekk kif imressqa fir-rikors ġuramentat.

Subordinarjament jikkontendi li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jekk hemm element ta' frodi, dan qiegħed jiġi eżerċitat mill-atturi nfushom sabiex jevitaw li jħallsu l-ammont dovut.

Subordinarjament jgħidu li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mill-Liġi għar-rexissjoni tal-kuntratt *de quo.*

Illi il-**konvenut Adrian Agius** min-naħa tiegħu jgħid li huwa l-leġittimu kontradittur biss fil-konfront ta' More Supermarkets (Hamrun) Ltd u dana stante li fil-konfront ta' dik is-soċjeta biss li kellu r-rappreżentanza. Jgħid li f'kull każ ma jirrispondix għad-danni li qed jiġu allegati minn D. More Holdings Ltd.

Jikkontendi li mhux minnu li ma kellux jedd jirrapreżenta lil More Supermarkets (Hamrun) Ltd jew li kkommetta rappreżentazzjoni ndebita, frodi u qerq meta deher fuq il-kuntratt *de quo*.

Jispjega li l-imsemmi kuntratt ġie rikonoxxut u ratifikat mis-soċjetajiet attriċi, tant li l-konvenut Farrugia kien involut attivament fil-ġestjoni tas-supermarkets ma' Darren Casha u kien biss wara li nqala' diżgwid bejniethom li nbdew dawn il-proċeduri.

Jispjega li huwa deher fuq l-imsemmi kuntratt in *buona fede* u għalhekk qiegħed jirrimetti ruħu għal ġudizzju tal-Qorti fir-rigward tat-tieni, tielet, raba', ħames u sitt talba, iżda jinsisti li ma sar l-ebda qerq, frodi jew aġir perpetwat xjentement minnu u għalhekk m'għandux ikun ikkundannat iħallas kwalunkwe danni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

**Il-Provi Dokumentarji tas-soċjetajiet attriċi**

1. Il-Kuntratt tal-Kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014

   Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-imsemmi kuntratt u tinnotta li jirriżulta li d-dettalji huma kif elenkati mis-soċjetajiet attriċi fir-rikors ġuramentat tagħhom u ċioe li deher Alexander Farrugia bħala l-kreditur u Ryan Schembri f'ismu propju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetajiet Cassar & Schembri (Marketing) Ltd, kif ukoll More Supermarkets (Hamrun) Ltd, More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd, deher ukoll Adrian Agius għan-nom ta' More Supermarkets (Hamrun) Ltd. Il-Qorti tosserva partikolarment is-segwenti:

   "*U bis-saħħa tal-preżenti att id-Debituri flimkien u in solidum qegħdin hawn jiddikjaraw rwieħom bħala ċerti u likwidi debituri b'effett immedjat a favur tal-kreditur nomine fl-ammont ta' miljun u ħames mitt elf ewro (€1,500,000) liema somma hija rappreżentanti self brevi manu mogħti mil-Kreditur lid-Debituri fl-ammont bħala kapital. Tali somma ta' kapital ġiet mogħtija mill-kreditur lid-Debituri in parti qabel illum f'partijiet varji tramite soċjetajiet oħra hekk kif delegati mill-Kreditur u il-bilanċ illum stess għal fini tan-negozju tal-istess Debituri. Tali somma tirrappreżenta komputazjoni totali ta' kull debitu dovut mid-Debituri lill-Kreditur sal-llum.*

   *Illi fuq tali somma ta' kapital imgħaxijiet huma dekorribli bl-aktar rata għolja permessibili mil-liġi liema imgħax jibdew jiddekorru mill-llum.*"

2. Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' D. More Holdings Ltd, l-Involvements, ir-riżenji ta' wħud mid-diretturi oriġinali u l-istatut. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti u tosserva li s-soċjeta' ġiet inkorporata fis-6 ta' Mejju 2014. Tosserva wkoll li d-direttur tagħha huwa Darren Casha u l-azzjonijisti huma Darren Casha flimkien ma' Vice Holdings Limited. Tosserva li oriġinarjament Raymond Camilleri u Adrian Zammit kienu wkoll diretturi tas-soċjeta' iżda irriżenjaw b'effett mill-25 ta' Ġunju 2014.

3. Kopji taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' More Supermarkets (Mosta) Ltd, l-involvements, il-Form K li biha ġiet reġistrata, ir-riżenja ta' Ryan Schembri bħala direttur u l-ħatra ta' Darren Casha minfloku, il-Form T li biha ġie formalizzat is-*share transfer* favur D. More Holdings Ltd, l-istatut, ir-riżenja ta' Ryan Schembri u l-aċċettazzjoni ta' Darren Casha. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti u tosserva li l-kumpanija ġiet reġistrata fl-24 ta' Ġunju 2013. Tosserva li oriġinarjament id-direttur kien Ryan Schembri u permezz ta' riżoluzzjoni datata 7 ta' Mejju 2014, Ryan Schembri irriżenja u sar Direttur Darren Casha. Tosserva wkoll li l-Formula K relattiva ġiet intavolata mar-Reġistratur tal-Kumpanija fil-5 t'Awwissu 2014, iżda l-bidla kienet b'effett mis-7 ta' Mejju 2014 u l-formula hija datata l-20 ta' Ġunju 2014.

4. Kopji taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' More Supermarkets (Fgura) Ltd, l-involvements, il-Form K li biha ġiet reġistrats ir-riżenja ta' Ryan Schembri bħala direttur u l-ħatra ta' Darren Casha minfloku, il-Form T li biha ġie formalizzat is-share transfer favur D. More Holdings Ltd, l-istatut, ir-riżenja ta' Ryan Schembri u l-aċċettazzjoni ta' Darren Casha. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti u tosserva li l-kumpanija ġiet reġistrata fit-8 ta' Awwissu 2013. Tosserva li oriġinalment id-direttur kien Ryan Schembri u permezz ta' riżoluzzjoni datata 7 ta' Mejju 2014, Ryan Schembri irriżenja u sar Direttur Darren Casha. Tosserva wkoll li l-Formula K relattiva ġiet intavolata mar-Reġistratur tal-Kumpanija fit-30 ta' Ġunju 2014, iżda l-bidla kienet b'effett mis-7 ta' Mejju 2014 u l-formula hija datata l-20 ta' Ġunju 2014.

5. Kopji taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' More Supermarkets (P'ville) Ltd, l-involvements, il-Form K li biha ġiet reġistrats ir-riżenja ta' Ryan Schembri bħala direttur u l-ħatra ta' Darren Casha minfloku, il-Form T li biha ġie formalizzat is-share transfer favur D. More Holdings Ltd, l-istatut, ir-riżenja ta' Ryan Schembri u l-aċċettazzjoni ta' Darren Casha. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti u tosserva li l-kumpanija ġiet reġistrata fit-8 ta' Awwissu 2013. Tosserva li oriġinalment id-direttur kien Ryan Schembri u

permezz ta' riżoluzzjoni datata 7 ta' Mejju 2014, Ryan Schembri irriżenja u sar Direttur Darren Casha. Tosserva wkoll li l-Formula K relattiva ġiet intavolata mar-Reġistratur tal-Kumpanija fit-30 ta' Ġunju 2014, iżda l-bidla kienet b'effett mis-7 ta' Mejju 2014 u l-formula hija datata l-20 ta' Ġunju 2014.

6. Kopji taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' More Supermarkets (Ħamrun) Ltd, l-involvements, il-Form K li biha ġiet reġistrata ir-riżenja ta' Ryan Schembri bħala direttur u l-ħatra ta' Darren Casha minfloku, il-Form T li biha ġie formalizzat is-*share transfer* favur D. More Holdings Ltd u l-istatut. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti u tosserva li l-kumpanija ġiet reġistrata fl-14 ta' Awwissu 2014. Tosserva li d-diretturi attwali huma Darren Casha, Mario Schembri, Ryan Schembri u Kane Zammit u l-azzjonista ewlenija hija D. More Holdings Limited.

7. Kopja tal-Ittra Uffiċjali li biha l-kuntratt fuq imsemmi ġie reż eżegwibli u r-risposta għall-istess. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti u tosserva li permezz tal-ittra uffiċjali Alexander Farrugia interpella lil Cassar & Schembri (Marketing) Limited u lill-erba' soċjetajiet tal-More Supermarkets sabiex iħallsu s-somma ta' wieħed punt ħamsa miljun Ewro (€1,500,000). Tosserva wkoll ir-risposta tas-soċjetajiet attriċi li permezz tagħha irrispinġew l-pretensjonijiet hemm kontenuti stante n-nullita' tal-kuntratt imsemmi u stante li l-kawżali hemm espressi hija falza u fabbrikata stante li ebda somma ta' flus qatt ma ssellfet mis-soċjetajiet attriċi.

8. Kopja tal-Protest Ġudizzjarju li ġie ppreżentat mis-soċjetajiet attriċi in segwitu għall-ittra uffiċjali. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-Protest Ġudizzjarju li permezz tiegħu Alexander Farrugia, Ryan Schembri u Adrian Agius, ġew interpellati sabiex jersqu immedjatament għall-kanċellament tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-20 ta' Ġunju 2014 u tal-konsegwenzjali kambjala u reġistrazzjoni ipotekarja.

9. Kopja tal-Mandat ta' Sekwestru intavolat ftit jiem wara kontra s-soċjetajiet attriċi. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokument u tosserva li sar unikament fil-konfront tas-soċjetajiet attriċi.

10. Kopji informali ta' numru ta' Sentenzi tal-Qrati bħala prova ta' danni nkorsi mis-soċjetajiet attriċi minħabba li ma setgħux ikomplu joperaw wara l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi. Elenkaw ukoll numru ta' proċeduri li għadhom pendenti quddiem il-Qorti. Il-Qorti tosserva li ġew esebiti kopji ta' tliet sentenzi li bejniethom jammontaw għal danni fl-ammont ta' circa mitejn u ħamsin elf Ewro (€250,000). Il-Qorti tosserva li ġew elenkati wkoll sitt proċeduri pendenti li bejniethom il-pretensjonijiet

jammontaw għal circa żewġ miljun Ewro (€2,000,000) oltre l-imgħax u l-ispejjeż.

## Ix-xhieda

Fl-affidavit tiegħu, **Darren Casha** jgħid li hu direttur tas-soċjetajiet attriċi kollha. Jispjega li tramite l-kumpanija D. More Holdings Ltd, li tagħha hu direttur u azzjonist maġġoritarju, sar involut fil-More Supermarkets wara s-7 ta' Mejju 2014 meta l-kumpanija D. More Holdings Ltd xtrat l-ishma fil-kumpanija tal-More Supermarkets u sar direttur ħlief għal More Supermarkets (Hamrun) Ltd fejn sar direttur riċentament.

Jgħid li qabel is-7 ta' Mejju 2014, More Supermarkets kienu mmexxija prinċipalment minn Ryan Schembri li hu direttur ukoll ta' Cassar & Schembri (Marketing) Ltd li kienet l-azzjonista prinċipali. Jgħid li sar jaf lil Ryan Schembri qabel u kien anke introduċih ma nies oħrajn li daħlu wkoll f'negozju miegħu u kif jirriżulta mill-aħbarijiet lokali ngidmu.

Jispjega li f'Marzu tas-sena 2014, beda għajdut li s-soċjeta' Cassar and Schembri (Marketing) Ltd kienet bdiet sejra ħażin iżda is-soċjetajiet tal-More Supermarkets kienu jidhru li għaddejjin normali. Jgħid li minħabba li kien jidher li dawn kienu għaddejjin sew u qed jikbru daħal fin-negozju tal-More Supermarkets. Għalhekk fis-7 ta' Mejju akkwista l-ishma maġġjoritarji fil-kumpaniji tal-More Supermarkets u sar direttur f'kollha ħlief tal-Ħamrun fejn kienu baqgħu Ryan Schembri, missieru, Adrian Agius, Chris Delia u Kurt Camilleri. Jispjega li kien għamel dan sabiex jgħinuh isib tarf u jkun hemm *handover* kif suppost u fil-fatt kien sab għajnuna minn Kurt Camilleri u Chris Delia partikolarment.

Jispjega li f'Awwissu ta' dik is-sena beda jemerġi fid-dominju pubbliku t-taħwid ta' Ryan Schembri u kienet inbdiet kawża ċivili mill-Fimbank għal kważi żewġ miljun Ewro (€2,000,000). Jgħid li f'Settembru 2014, Ryan Schembri ħarab minn Malta u allegatament kellu djun ta' madwar erbgħin miljun Ewro (€40,000,000) ma diversi kredituri.

Jispjega li b'sorpriża, f'Ottubru 2014 sar jaf bil-kuntratt mertu ta' din il-kawża (ma' Alexander Farrugia) kif ukoll ta' ieħor simili li dwaru hemm kawża oħra (ma' Edmund Mugliette), li permezz tagħhom Ryan Schembri u numru ta' kumpaniji tiegħu kienu rrikonoxxew debitu totali ta' 'l fuq minn tlett miljun u nofs Euro (€3,500,000). Jgħid li kien ikkuntatja lil Alexander Farrugia li kien bagħtlu kopja tagħhom.

Jispjega li dawn il-kuntratti kienu jindikaw lil Ryan Schembri bħala direttur tal-kumpanniji More Supermarkets f'mument meta, ħlief għal Ħamrun, kien diġa'

rriżenja mill-kariga ta' direttur. Jgħid li dawn il-kuntratti kienu juru lill-kumpanniji More Supermarkets bħala d-debituri prinċipali flimkien ma' Schembri nnifsu u ma' Cassar and Schembri (Marketing) Ltd. Jgħid li hu kien ċert li l-kumpaniji More Supermarkets qatt ma kienu sselfu dawn il-flejjes u qatt ma kien hemm dawn il-bilanċi pendenti.

Jispjega li permezz ta' dawn il-kuntratti, Ryan Schembri kien rabat lis-soċjetajiet attriċi bħala debituri prinċipali ta' Edmond Mugliette fl-ammont ta' żewġ miljun Ewro (€2,000,000) u ma Alexander Farrugia fl-ammont ta' miljun u nofs Ewro (€1,500,000).

Jikkontendi li fir-rigward ta' More Supermarkets (Fgura) Ltd, More Supermarkets (P'Ville) Ltd u More Supermarkets (Mosta) Ltd, Ryan Schembri ma setgħax jidher għan-nom tagħhom fuq il-kuntratti għaliex ma kellux ir-rappreżentanza legali tal-kumpaniji. Jgħid ukoll li f'dak iż-żmien Etienne Cassar kif irriżenja bħala direttur tal-kumpaniji u la darba l-istatut kien jitlob li f'kull żmien ikun hemm żewġ diretturi biex il-kumpanija tkun kostitwita u topera validament, il-kumpanniji ma setgħux joperaw f'dak il-perjodu.

Jikkontendi li fir-rigward ta' More Supermarkets (Ħamrun) Ltd, l-istatut kien jgħid li fuq kuntratti jridu jidhru mill-inqas żewġ diretturi u kien għalhekk li kien hemm Adrian Agius, li effettivament kienu t-tnejn diretturi fiż-żmien meta ġie iffirmat il-kuntratt. Iżda, meta daħlet D. More Holdings Ltd fis-7 ta' Mejju 2014 bħala l-azzjonista ewlenija kienet ittieħdet deċiżjoni li l-kumpanija ma tidher fuq l-ebda kuntratt ħlief bl-awtorizzazzjoni speċifika tal-General Meeting, liema deċiżjoni kienet tirriżulta mir-reżoluzzjoni li saret f'dan is-sens fil-11 ta' Ġunju 2014. Jgħid li la darba ma kien hemm l-ebda awtorizazzjoni mill-General Meeting, isegwi li Ryan Schembri u Adrian Agius ma setgħux jorbtu lill-kumpanija.

Oltre' minn hekk, jgħid li l-flus in kwistjoni ma jirriżultaw minn l-ebda *accounts* u lanqas f'ebda kont bankarju tal-kumpaniji More Supermarkets u għalhekk More Supermarkets ċertament li m'għamlithomx u ma ħadu l-ebda benefiċċju minn dawn in-nies.

Jispjega li dan kollu jafu għax kien għamel il-verifiki tiegħu qabel m'akkwista l-kumpaniji u ukoll minn parir li ħa wara li sar jaf bil-kuntratti in kwistjoni. Jgħid li meta sar jaf b'dan kollu kien t'inkwiet kbira għalih u kien ingaġġa diversi professjonisti sabiex jgħinuh.

Jgħid li mill-kuntratti jirriżulta li d-dejn hu allegatament dovut għal self "*mogħti mil-Kreditur lid-Debituri fl-ammont bħala kapital. Tali somma ta' kapital ġiet mogħtija mill-kreditur lid-Debituri in parti qabel illum f'partijiet varji tramite soċjetajiet oħra hekk kif delegati mill-Kreditu u il-bilanċ illum stess għal fini tan-negozju tal-istess Debituri. Tali somma tirrapreżenta komputazzjoni totali ta' kull debitu dovut mid-Debituri lill-Kredituri sal-llum*".

Jispjega li mis-silta jidher li dawn is-somom kollha ngħataw bħala self direttament lil Ryan Schembri, lil Cassar and Schembri (Marketing) Ltd u lill-4 kumpaniji tal-More u għaddew f'diversi biċċiet, li m'hemm ebda dettalji dwarhom, u fl-20 ta' Ġunju 2014 ingħata l-kumplament (ammont mhux speċifikat). Jgħid li huwa ferm stramb kif qabel id-data tal-kuntratt, ħadd ma kien deher sabiex jieħu lura dawn il-flus allegatament mislufin, li ma kienu jidhru mkien fil-kotba tas-soċjetajiet attriċi.

Fir-rigward ta' Alexander Farrugia, jgħid li dan ċertament kien jaf bil-problemi ta' Ryan Schembri kif ukoll x'kien hemm fil-kotba tas-soċjetajiet tal-More Supermarkets għax kien kemm -il darba preżenti ma' Ryan Schembri għal-laqgħat mal-awdituri.

Jispjega li biex id-dejn jiġi garantit il-partijiet iffirmaw ukoll kambjala li x-xhud m'għandux kopja tagħha u fuq id-dejn allegatament dovut għaddej l-imgħax bl-aktar rata għolja permissibli mil-Liġi.

Jgħid li hu kien mexxa bi protest ġudizzjarju kontra dawk kollha involuti u minn dakinhar Farrugia u Mugliette kienu mexxew fuq il-kuntratt permezz ta' Mandati tal-Qorti, li ġew ippreżentati applikazzjonijiet għas-sospensjoni tagħhom.

Jispjega li minħabba dan kollu, ma kellux għażla ħlief li jmexxi b'dawn il-kawżi. Jgħid li fil-frattemp intbagħtet ukoll kwerela lill-Pulizija sabiex jinvestigaw. Jgħid li l-għan ta' dawn il-kawżi huwa li s-soċjetajiet attriċi jinħarġu mis-sitwazzjoni li tpoġġew fiha bl-aġir ta' Ryan Schembri. Jispjega li bl-istess azzjonijiet saret ħafna ħsara lill-istess soċjetajiet u għalhekk qed jagħmlu wkoll talba għad-danni.

F'affidavit addizzjonali **Darren Casha** jgħid li fl-10 t'Ottubru 2014, Mugliette u Farrugia għamlu s-sekwestri kontra s-soċjetajiet attriċi f'ammonti li flimkien jammontaw għal tliet punt ħamsa miljun Ewro (€3,500,000). Jispjega li dan sar jafu l-għada meta sa setgħux jużaw il-kontijiet tal-bank. Jgħid li s-sekwestri kienu saru kontra s-soċjetajiet attriċi biss. Jispjega li s-sekwestri farrku l-operazzjoni tal-More Supermarkets għax ma kienx possibli li jinġieb dak it-tip ta' finanzjament sabiex jitħallsu s-sekwestri u jkomplu joperaw u lanqas ma setgħu iħallsu s-suppliers.

Jgħid li ftit wara, l-Enemalta qatgħet il-provista tad-dawl tal-ħanut tal-Ħamrun għax ma setax jitħallas il-kont. Jispjega li f'dak iż-żmien kien qed jinnegozja mal-Enemalta sabiex jitħallsu l-kontijiet iżda la darba ġew is-sekwestri, tħassru n-negozjati. Jgħid li b'konsegwenza ta' dan u tal-fama li kien ħa Ryan Schembri, il-kredituri qamu kollha f'daqqa. Jispjega li l-gazzetti bdew jirrapurtaw l-istejjer u l-kredituri bdew jintavolaw il-proċeduri l-Qorti.

Jgħid li wara Ottubru 2014 waslu f'sitwazzjoni fejn Mugliette u Farrugia kienu jibgħatu l-Marixxalli tal-Qorti fil-ħwienet biex jieħdu l-cash mill-cash registers

u jippruvaw anke jieħdu stock. Jgħid li Mugliet kien jgħid li issa l-ħwienet tiegħu.

Jispjega li la darba ma setgħux iħallsu, is-suppliers bdew jirrifjutaw li jtuhom ix-xogħol u jinsistu fuq *cash of delivery* – iżda dan ma kienx possibli. Jgħid li gieli biex jipprova jżomm in-negozju ħallas hu minn butu.

Jgħid li sadanittant bdew jippruvaw, bi proċeduri l-Qorti, iwaqqfu l-eżekuzzjoni tal-Mandati. Jispjega li wieħed wieħed sa l-aħħar ta' Novembru 2014 kienu ingħalqu l-ħwienet kollha.

Jgħid li huwa ċar li l-mandati li għamlu Mugliette u Farrugia ikkreaw *domino effect* li bih qatghu l-*cashflow*, beżżgħu l-klijenti, gerrxu s-suppliers u ġiegħluhom jidħlu f'tellieqa ta' min ser jitħallas u tkisser in-negozju kollu u għalhekk jippretendi li Mugliette u Farrugia jagħmlu tajjeb għad-danni kollha sofferti, għat-telf tal-avvjament tal-katina u anke għat-telf prospettiv tan-negozju.

Mistoqsi in kontro-eżami min kienu t-terzi li għamlu n-negozju ma' Ryan Schembri, **Darren Casha** jgħid li kien hemm ħafna nies. Jispjega li l-investimenti kienu ta' natura fejn Ryan Schembri jitlob il-flus biex jixtri *stock* għas-supermarkets u jagħtik return. Mistoqsi qabel daħal fis-soċjetajiet attriċi kienx involut fl-investimenti li kienu saru minnhom, jikkonferma li ma kienx. Jgħid li hu kien iħajjar lin-nies jinvestu ma' Ryan Schembri. Mistoqsi kienx għamel investimenti mal-kumpanija Cassar and Schembri (Marketing) Limited, jgħid li le. Jispjega li involva ruħu fil-More meta Ryan Schembri kien qed jipprova idaħħal investimenti miegħu u kienu ingħaqdu hu, Adrian Zammit u Ray Camilleri u saru n-negozjati, fejn kien ikun hemm kulhadd preżenti.

Jispjega li l-ħlas tal-ishma li xtraw sar billi ħadu *over* numru ta' kredituri. Jgħid li l-ewwel saru azzjonisti, imbagħad sar direttur. Jgħid li D.More Holdings ġiet kostitwita speċifikament meta akkwista l-ishma tal-More Supermarkets. Mistoqsi dwar jiftakarx min kienu l-kumpaniji l-oħra u kif tqassmu l-ishma, jgħid li ma jiftakarx.

Jgħid li Kurt Camilleri u Chris Delia, kienu involuti fl-istabiliment tal-Ħamrun biss. Jispjega li ma kienux involuti fid-*day to day running* imma kienu jiġu regolari. Mistoqsi kienx jieħdu ħsieb id-*day to day running* jgħid li dak kienu jieħdu ħsiebu n-nies li kienu diġa` jaħdmu mal-kumpanija u ċioe l-istruttura maniġerjali li kien hemm ma tkeċċietx. Jispjega li l-irwol tiegħu kien li jipprova jifhem it-taħwid kollu li kien hemm. Mistoqsi jekk kienx ivverifika l-affarijiet qabel daħlu fil-kumpanija jgħid li ċertament li sar dan iżda l-affarijiet li kienu ġew ippreżentati fil-verita` kienu foloz. Mistoqsi jekk kienx jaf x'kien qiegħed jagħmel Ryan Schembri bl-investimenti, jgħid li sa dak iż-żmien kien għad għandu fama tajba f'Malta u ħadd ma kien qiegħed jiġri warajh.

Mistoqsi dwar kienx jafu lil Ryan Schembri, jgħid li kien iltaqa' miegħu l-Libja sentejn qabel bdiet il-gwerra tal-Libja u kellu reputazzjoni tajba. Mistoqsi dwar kienx jaf dwar il-problemi fil-Kroazja jgħid li jaħseb li huma fittizji. Jgħid li ma daħalx fihom minħabba li ma kienux jeżistu. Mistoqsi jekk kienx jaf meta xtara l-ishma li n-negozju sejjer ħażin, jgħid li dak li kienu qed jixtru kien suppost negozju b'saħħtu u li sejjer tajjeb. Jgħid li l-investimenti li kien hemm xniegħat li sejrin ħażin ma kellhomx x'jaqsmu mas-supermarkets.

Mistoqsi x'verifiki għamel meta ħa d-deċiżjoni li jakkwista l-ishma fil-More Supermarkets, jgħid li saru verifiki ma min kien jagħmel l-*accounts* tal-kumpaniji u ċioe Dennis Francalanza u Antoine Farrugia. Mistoqsi jekk kienx għamel verifiki dwar Cassar & Schembri, jgħid li le għax ma kellux x'jaqsam magħha. Mistoqsi jekk kienx għamel verifiki dwar trasferiment t'assi minn Cassar and Schembri għal More Supermarkets jgħid li kien staqsa lil Dennis Francalanza u dan qallu li ma kienx hemm. Jispjega li skont l-istess Dennis Francalanza bejn Cassar and Schembri u More Supermarkets ma kienx hemm l-ebda konnessjoni ta' trasferimenti ta' flus jew assi. Mistoqsi dwar x'assi kellhom is-supermarkets, jispjega li l-assi kienu jikkonsistu f'assi mobbli, li tagħhom jeżistu l-*invoices* dwar minn fejn inxtraw.

Mistoqsi jekk jaqbilx li setgħu jidhru fuq il-kuntratt rigward is-supermarket tal-Ħamrun, jgħid li le minħabba li kien hemm riżoluzzjoni tal-Bord li kienet tgħid li transazzjonijiet straordinarji ma jistgħux isiru. Jispjega li D. More Holdings kienet preżenti meta saret din ir-riżoluzzjoni.

Ix-xhud ippreżenta lista tal-*fixed assets* tal-More Ħamrun u Mosta li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha.

Ix-xhud spjega *exposure* li kien fih minħabba Ryan Schembri li kien jikkonsisti fi ftehim ma' Cobacobana Investments u ieħor ma' Adrian Zammit li jammontaw għall-valuri ta' tmienja punt erbgħa miljun (€8,400,000) u tnejn punt tnejn miljun (€2,200,000), rispettivament. Jispjega li dwar dawn iż-żewġ każijiet kien għamel kwerela mal-pulizija. Jispjega li l-flus kienu jiġu investiti ma' Ryan Schembri iżda kien jidher hu minfloku. Jgħid li l-More Supermarkets ma kellhom x'jaqsmu xejn ma dawn il-ftehim. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-kwerela u ta' numru ta' *agreement*s li dwarhom saret il-kwerela u l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Mistoqsi fhiex kienu jikkonstitu il-kredituri tal-More li ħa *over* meta sar it-trasferiment tal-ishma, jispjega li kien hemm lista (li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħha) li tikkonsisti f'debitu ta' tnejn punt sitta miljun Ewro (€2,600,000).

Ix-xhud jispjega wkoll li Ryan Schembri kien preżentalu dokumentazzjoni dwar il-More (li l-Qorti qed tieħu konjizzjoni tagħha) li tinkludi prospett dwar *bond issue*. Jispjega li wara rrealizza li dak ippreżentat ma kienx kollu veritier u ċioe s-*sales aspect* u l-*istock value* ma kienux reali. Jgħid li l-lista ta' kredituri

kienet fil-maġġor parti tagħha veritiera. Jgħid li din kienet magħmulha minn Antoine Farrugia.

Mistoqsi dwar x'kien l-involviment tiegħu fil-*bond issue* jgħid li Ryan Schembri kien tahom l-idea li jista' jikrejha *bond issue* jew inkellha jbiegħ is-supermarkets lil terzi, u kien hemm diversi laqgħat dwar dan. Jgħid li għal dawn il-laqgħat kienu jkunu preżenti hu, Ryan Schembri, Dennis Francalanza, xi nies minn KPMG, kif ukoll Edmond Mugliette.

Mistoqsi kellux pariri indipendenti sabiex jivverifikaw l-*accounts* tal-kumpaniji qabel akkwistahom jgħid li l-*accounts* qatt ma kienu ġew *audited* u għalhekk Ryan Schembri kien jippreżentalhom il-*pre-audited accounts* imbagħad kien jagħmlu l-*istock takes* li fil-maġġor parti tagħhom kienu jaqblu. Jispjega li d-diskrepanzi kbar kienu fil-bejgħ minħabba li kien kollu *inflated*. Jgħid li qatt ma kien hemm iċ-ċans li l-*accounts* jiġu vverifikati. Jikkonferma li mingħajr ma ra l-provenjenza tal-assi u l-*audited accounts* xorta aċċetta l-ishma. Jispjega li dak iż-żmien Ryan Schembri kien fdat ħafna minn kulħadd u hemm diversi nies li wara fetħu kawżi minħabba l-istess fiduċja. Jispjega li lil Ryan Schembri kien ilu jafu u dejjem żamm kellmtu qabel ġara dak kollu li ġara.

Mistoqsi f'ri-eżami kemm kien b'saħħtu Ryan Schembri fin-negozju jgħid li meta kienu jaħdmu flimkien u anke jsiefru kellu konnessjonijiet u relazzjonijiet tajba ma *suppliers* kbar.

Ix-xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti li għamel referenza għalihom fix-xhieda tiegħu, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fix-xhieda tagħha in-**Nutar Claire Camilleri** tgħid li l-kuntratti *de quo* tal-20 ta' Ġunju 2014 saru fl-istess ħin. Tgħid li ġiet inkarigata minn Edmond Mugliette li huwa klijent tagħha għan-nom, ta' Alexander Farrugia wkoll. Tispjega li kienu ltaqgħu qabel u f'temp ta' jumejn il-kuntratt kien abbozzat u fl-20 ġie ppublikat. Tgħid li qabel dakinhar lil Ryan Schembri u lil Adrian Agius ma kinitx tafhom u qatt ma kienet iltaqgħet magħhom.

Tgħid li lil Alexander Farrugia kienet iltaqgħet miegħu darba dik il-ġimgħa stess waqt il-laqgħa li saret. Tispjega li Edmond Mugliette kien ilu għaxar snin klijent tagħha. Tgħid li r-raġuni għala ssir kostituzzjoni ta' debitu hi li xi ħadd ikollu jagħti somma ta' flus lil ħaddieħor - jistaqsu x'jista jsir legalment biex jkunu protetti u tispjega li minn naħa tagħha tat il-parir li ssir kostituzzjoni ta' debitu. Tgħid li għall-laqgħa li saret qabel il-kuntratti, kienu preżenti Edmond Mugliette u Alexander Farrugia, imbagħad dakinhar tal-kuntratti kien hemm kulħadd preżenti.

Mistoqsija x'verifiki għamlet dwar l-allegat self tgħid li ġiet infurmata li kien intuża għall-business ta' Ryan Schembri u li kien hemm il-More Supermarkets

involuti pero` ma daħlitx f'dettal. Tgħid li kienet iċċekjat hi personalment li kien hemm Ryan Schembri involut fil-kumpaniji kollha kkonċernati. Mistoqsija dwar l-ammont ta' flus li tħallas dakinhar tal-kuntratt, tgħid li quddiemha ma sar xejn u kienu saru xi *bank transfers* aktar kmieni dakinhar. Tgħid li ma daħlitx fil-kwistjoni dwar x'pagamenti kienu saru qabel u lil min. Tgħid li fl-ebda ħin ma ġie spjegat lilha min kienu s-soċjetajiet l-oħra li kienu ħallsu l-kredituri. Tispjega li dakinhar hi rat li l-kumpaniji kienu debitament rappreżentati u li kulħadd ta l-kunsens tiegħu għall-kuntratti.

Tgħid li l-kredituri kienu l-kumpaniji kollha msemmijin fil-kuntratt iżda ma tidħolx f'dettal ta' kif sar is-self. Tispjega li l-kredituri, għal fini tal-kuntratti kienu Mugliette u Farrugia u ma tidħolx fiha kif saru t-trasferimenti għad-debitur minn naħa tagħhom. Tgħid li dwar il-pagamenti hi straħet fuq li qalulha l-partijiet u xejn iżjed. Mistoqsija dwar ir-raġuni għala Ryan Schembri deher personalment fuq il-kuntratti u mhux għan-nom tal-kumpaniji biss, tgħid li din kienet ix-xewqa tiegħu. Mistoqsija dwar min kien hemm preżenti fl-uffiċju dakinhar tal-kuntratt, tgħid li kien hemm il-partijiet kollha, flimkien ma' missier Ryan Schembri. Mistoqsija f'liema kapaċita deher Ryan Schembri quddiemha, tgħid li deher bħala direttur tal-kumpaniji u personalment. Tgħid li d-dettalji tal-kumpaniji u r-rappreżentazzjoni tagħhom aċċessatha hi personalment mis-sit tal-MFSA.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-istess xhud li huma vera kopja tal-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tal-istess Nutar datati 20 ta' Ġunju 2014 u huma identiċi għal dawk esebiti mis-soċjetajiet attriċi.

Fix-xhieda tiegħu **Etienne Cassar** jgħid li hu kien wieħed mid-Diretturi ta' Cassar and Schembri Marketing Limited, flimkien ma Ryan Schembri. Jgħid li kien ilu jaf lil Ryan Schembri snin twal. Jispjega li flimkien kienu bdew il-kumpanija madwar is-sena 2000 u sal-aħħar tlieta jew erba' snin kienet tajba ħafna. Jgħid li kellhom relazzjoni tajba u l-aħħar li kellmu kien madwar Settembru tal-2014, qabel ma telaq minn Malta. Mistoqsi dwar x'negozji oħra kellu Ryan Schembri minbarra Cassar and Schembri Marketing Limited u More Supermarkets, jgħid li kellu ħafna negozji oħra li ħarġu wara. Jgħid li hu kellu relazzjoni fin-negozju li kellhom flimkien, taħt kumpanija oħra l-Libja u More Supermarkets. Jgħid li s-soċjeta' Cassar and Schembri kienet waħda mill-partners f'More Supermarkets u Ryan Schembri kien il-bniedem li jidderiġi l-More Supermarkets. Jgħid li l-kumpanija Cassar & Schembri kellha l-ishma fil-More Supermarkets u kien hemm individwi oħra li kellhom sehem. Jgħid li apparti mill-kumpanija Cassar and Schembri, ma kellu l-ebda involviment fil-More Supermarkets, ħlief dak li kellha x'taqsam il-kumpanija f'distribution. Jispjega li hu kien jieħu ħsieb id-distribution u ċioe li kien jbiegħu

fil-lokal u l-importazzjoni, filwaqt li Ryan Schembri kien jieħu ħsieb ix-xogħol tal-Libja u kien CEO tal-More Supermarkets.

Mistoqsi dwar meta l-kumpanija Cassar and Schembri biegħet l-ishma li kellha fil-More, jgħid li kien April jew Mejju tas-sena 2014, liema ishma inbiegħu lil Darren Casha, jgħid li l-kumpanija ta' Darren Casha ma jafx x'jisimha. Mistoqsi dwar jafx lil Adrian Agius, jgħid li kien partner flimkien miegħu u ma Schembri fil-Libja u fil-More. Jispjega li xogħol Adrian Agius kien li jġib il-karozzi u skont x'kien iqabbdu Ryan Schembri. Mistoqsi jekk jafx lil Edmond Mugliette, jgħid li ltaqa` miegħu wara li nqalet il-kwistjoni kollha li Ryan Schembri kellu jagħti ħafna flus minn fuq l-idejn u kien issellef ħafna flus. Jgħid li kien iltaqa` miegħu d-dar ta' Ryan Schembri xi April jew Mejju tas-sena 2014. Jgħid li kienu ltaqgħu sabiex jaraw isibux soluzzjoni u Ryan Schembri beda jgħidilhom li kienu ser joħorġu l-bonds tal-More Supermarkets. Jgħid li f'dak l-istadju Edmond Mugliette ma kellux konnessjoni ma' Cassar and Schembri u lanqas mal-More. Mistoqsi jekk kienx jaf lil Alexander Farrugia jgħid li kien jafu qabel Edmond minħabba li kienu għamlu xi żmien igibu xi xogħol flimkien għal-Libja. Jispjega li kellu wkoll konnessjoni mal-More bħala supplier ta' ħwejjeġ ta' taħt u affarijiet varji għas-supermarket u ċioe` kien supplier bħal oħrajn.

Mistoqsi dwar xi flus isselfet il-kumpanija Cassar and Schembri mingħand Edmond Mugliette u Alexander Farrugia jgħid li ma jafx li kienu ssellfu flus. Mistoqsi dwar xi flus sellfu lil Ryan Schembri, jgħid li ma jafx.

Muri l-kuntratti in kwistjoni u mistoqsi x'jaf dwarhom, jgħid li dawn saru mingħajr ma ġie infurmat bihom u jispjega li f'dak iż-żmien hu kien diġa` rriżenja minn Direttur ta' More Supermarkets. Mistoqsi jekk Alexander Farrugia u Edmond Mugliette kienux kredituri ta' More Supermarkets, jgħid li jaħseb li Alexander Farrugia kien minħabba li kien supplier, iżda ma jafx f'liema ammont, mentri Edmond Mugliette ma jaħsibx li kien. Mistoqsi dwar kellhomx x'jaqsmu il-kuntratti mal-laqgħa li semma, jgħid li le għax dik kienet laqgħa dwar kif ser jissolvu l-problemi ta' Ryan Schembri u ssemmew bonds.

Mistoqsi dwar x'kienet ir-raġuni għar-riżenja tiegħu jgħid li kien hemm atmosfera kerha ħafna u kien hemm anke periklu. Jispjega li hu kien l-aħħar wieħed li rriżenja u trasferixxa l-ishma tiegħu. Jgħid li dak iż-żmien Ryan Schembri kien l-isptar u kien qalilhom li hemm investigazzjoni pendenti mill-Kroazja fuq affarijiet pendenti u kien qalilhom li jsir trasferiment sakemm il-problemi jiġu riżolti sabiex ikunu protetti.

Mistoqsi dwar jafx dwar l-ittri uffiċjali indirizzati lil Cassar and Schembri, jgħid li le. Jispjega li l-kumpanija kienet waqfet topera meta l-Awditur irriżenja u qal li kien hemm tnejn punt erbgħa miljun Ewro (€2,400,000) *unaccounted for* mingħajr spejagazzjoni u għalhekk ra li l-kumpanija ma setgħetx tibqa' topera u waqaf jopera għal ħabta ta' April u Mejju tas-sena 2014. Mistoqsi dwar

għala l-kumpanija Cassar and Schembri ma ppreżentatx difiża fil-kawżi odjerni, jgħid li illum marret *in liquidation* u ma jaħsibx li hemm min jiddefendiha.

Fix-xhieda tiegħu **Antoine Farrugia** jgħid li hu kien beda r-relazzjoni tiegħu mal-More Supermarkets f'Novembru tas-sena 2012 bħala part-time assistant financial controller, sa April tas-sena ta' wara meta beda bħala full-time assistant financial controller sa Novembru 2014. Jispjega li l-irwol tiegħu kien jkopri More Supermarket (Hamrun) Limited, More Supermarket (Mosta) Limited, More Supermarket (Fgura) Limited u More Supermarket (P'Ville) Limited. Jispjega li f'Ottubru kienu bdew jingħalqu s-supermarkets bil-konsegwenza li spiċċa bla xogħol. Mistoqsi dwar is-self mingħand Edmond Mugliette jew Alexander Farrugia lil More Supermarkets fl-ammonti ta' żewġ miljun Ewro (€2,000,000) jew wieħed punt ħamsa miljun Ewro (€1,500,000) jgħid li m'għandu l-ebda indikazzjoni ta' dan is-self u lanqas ma jirriżulta mill-*accounts*. Jgħid li sar jaf b'dawn id-djun fis-17 ta' Marzu 2014, meta rċieva t-taħrika biex jixhed fil-kawża odjerna.

F'kontinwazzjoni ta' xhieda jgħid li f'Cassar & Schembri Ltd hu ma kellux x'jaqsam ħlief li kienu jagħmlu pagamenti li meta jinxtara xi prodott għal More Supermarkets tiġi *invoiced* Cassar & Schmebri imbagħad iħallsu mill-kont tagħha, permezz ta' cheque book. Jgħid li imbagħad kull tlett xhur kienu jirrilaxxaw *invoice* lil More Supermarkets, skont liema stabbiliment ikun.

Mistoqsi dwar is-soċjeta' Erom, jgħid li din bdiet tintuża meta spiċċaw Cassar & Schembri f'Mejju 2014 u kienu japplikaw l-istess proċedura li kienu japplikaw qabel ma' Cassar & Schembri. Jgħid li Erom intużat minn Mejju 2014 sa Ottubru 2014. Jgħid li fl-aħħar mill-aħħar l-assi kienu jkunu ta' More Supermarkets wara li jiġu ttrasferiti minn Cassar & Schembri. Mistoqsi dwar Darren Casha, jgħid li meta waqgħet il-More u waqa' Cassar & Schembri, Ryan Schembri kien sejħilhom f'uffiċju u kien hemm Darren Casha, jgħid li imbagħad meta telaq Ryan Schembri minn Malta f'Settembru 2014, beda jmexxi Darren Casha. Jgħid li qabel ma kienux jafuh.

Mistoqsi dwar x'kienet is-sitwazzjoni tal-More qabel ma telaq Ryan Schembri jgħid li la kienet hażina u lanqas tajba imbagħad ġew *cash tight* f'Novembru u Diċembru 2013 u baqgħet sejra hekk. Jgħid li dan ġara meta Cassar & Schembri bdiet sejra ħażin. Jgħid li hu ma kellu l-ebda involviment f'Cassar & Schembri u kienu jimxu fuq l-*entries* li jgħaddulhom l-accountants tagħha.

Mistoqsi jekk kellux involviment biex tnehdiet il-lista ta' kredituri, jgħid li iva, kienu ħadu lista mis-Sage u tqabblet mal-*invoices.* Jgħid li More ma kellhiex xi kreditur jismu Copacabana.

Jgħid li llum m'għandu l-ebda involviment mal-kumpanija u ħadem l-aħħar fil-bidu ta' Novembru 2014. Jispjega li dak iż-żmien il-kumpaniji kien għadhom joperaw minn Erom Limited iżda mbagħad bdew jagħlqu s-supermarkets u spiċċaw bla xogħol. Jgħid li l-kumpanija qatt ma ġiet awditjata.

In kontro-eżami jgħid li Cassar and Schembri kienet tieħu korrispettiv ta' wieħed fil-mija (1%) bħala kumpens. Jgħid li ma jiftakarx li Erom kienet tagħmel l-istess.

Mistoqsi dwar għala More ma baqgħux joperaw wara Ottubru 2014 jgħid li kien hemm sekwestru fuq il-Ħamrun mid-Daniel Shopping Centre u mill-ARMS u forsi l-Gvern fir-rigward ta' ħlas ta' bolla. Jgħid li kien hemm sekwestru ieħor mill-Ask.

Mistoqsi dwar kienx hemm sekwestru minn Mugliette u Farrugia jgħid li jiftakar li rċievew xi ħaġa iżda ma jafx hux sekwestru.

Fix-xhieda tiegħu **Joseph Saliba**, Senior Executive fl-ETC, ppreżenta kopja tal-*employment history* ta' Edmond Mugliette u Alexander Farrugia. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti esebiti.

Fix-xhieda tagħha **Audrey Ghigo in rappreżentanza ta' HSBC Malta plc** ippreżentat rendikont ta' kontijiet bankarji miżmuma f'isem Alexander Farrugia u Edmond Mugliette mal-HSBC Bank Malta plc għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-kontijiet ta' Alexander Farrugia jikkonsistu fis-segwenti:

- Savings Account bid-Dollari Amerikani bin-numru 011147915451 li nfetaħ fis-6 ta' April 2011
- Saving Account bil-Lira Sterlina bin-numru 011147915452 li nfetaħ fid-29 ta' Jannar 2013
- Current Account bin-numru 047038419001 li nfetaħ fit-28 ta' Marzu 1994
- Savings Account bin-numru 047038419050 li nfetaħ fis-7 ta' Marzu 1994 u ingħalaq fis-6 ta' Mejju 2011
- Credit card bin-numru 4035710000441316 li nfetħet fid-9 ta' Marzu 2005
- Visa Credit Card bin-numru 456882034593264 li nfteħet fit-22 ta' Frar 2006 u ingħalqet fl-14 ta' Mejju 2011
- Savings Account flimkien ma' terzi bin-numru 011138385050 li nfetaħ fit-30 ta' Lulju 2009

- Savings Account flimkien ma' terzi bin-numru 011138385051 li nfetaħ fit-30 ta' Lulju 2009
- Current Account flimkien ma' terzi bin-numru 047060207001 li nfetaħ fil-11 ta' Settembru 1999
- Loan Account flimkien ma' terzi bin-numru 011138385300 li nfetaħ fis-27 ta' Jannar 2010 u ingħalaq fid-29 ta' Jannar 2015
- Loan Account flimkien ma' terzi bin-numru 13707204 li ingħalaq fit-2 ta' Marzu 2016

Il-kontijiet ta' Edmond Mugliette jikkonsistu fis-segwenti:

- Loan account bin-numru 13541007 li ingħalaq fit-30 ta' Ottubru 2013

Mistoqsija dwar jekk il-bank jirriżultalux xi dikjarazzjoni t'introjtu, ippreżentat kopja tal-application tal-credit cards fejn hemm indikat net monthly income ta' Alexander Farrugia.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rendikontijiet esebiti.

Fix-xhieda tagħha **Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc** ippreżentat rendikont ta' kontijiet bankarji miżmuma f'isem Alexander Farrugia u Edmond Mugliette mal-HSBC Bank Malta plc għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-kontijiet ta' Alexander Farrugia jikkonsistu fis-segwenti:

- Current account bin-numru 40016005570 li nfetaħ fit-30 ta' Marzu 2007

Il-kontijiet ta' Edmond Mugliette jikkonsistu fis-segwanti:

- Current account bin-numru 40013178387 li nfetaħ fit-3 ta' Frar 2004
- Savings account bid-dollari amerikani bin-numru 40014299443 li nfetaħ fit-12 ta' Mejju 2005
- Current account flimkien ma' terzi bin-numru 11508584017 li nfetaħ fl-20 ta' Jannar 1994
- Savings account flimkien ma' terzi bin-numru 11508584020 li nfetaħ fit-18 ta' Frar 1995
- Savings account flimkien ma' terzi bin-numru 40017547383 li nfetaħ fl-10 ta' Settembru 2008
- Credit Card Loan flimkien ma' terzi bin-numru 4002303841-7 li nfetħet fl-14 ta' Jannar 2015 u ingħalqet fl-4 ta' Marzu 2014

Mistoqsija dwar jekk il-bank jirriżultalux xi dikjarazzjoni t'introjtu, tgħid li din l-informazzjoni ma tkunx intalbet ħlief fuq applikazzjoni ta' xi *home loan*.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rendikontijiet kollha esebiti.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda taghha, hi telenka sitt transazzjonijiet li saru a favur Cassar & Schembri (Marketing) Limited fil-kont 40016364842 kif ġej:

- 27/09/2012 €250,000 BOV account 40017621814 li jgħajjat lil All Seas Management Limited
- 21/06/2013 €700,923 BOV account 40016664416 li jgħajjat lil All Seas Management Limited
- 19/08/2013 €200,000 BOV account 40016664416 li jgħajjat lil All Seas Managament Limited
- 10/12/2013 €450,000 BOV account 40017142283 li jgħajjat lil Blue Finance Limited
- 05/02/2014 €252,000 BOV account 40017142283 li jgħajjat lil Blue Finance Limited
- 06/03/2014 €200,000 BOV account 40017142283 li jgħajjat lil Blue Finance Limited

Tispjega li Blue Finance Limited għandha n-numru tar-reġistrazzjoni 23808 u All Seas Management għandha n-numru tar-reġistrazzjoni 21981.

Fix-xhieda tagħha **Jeanette Lepre in rappreżentanza tal-Lombard Bank Malta plc** tgħid li ma jirriżultax li Alexander Farrugia u Edmond Mugliette kellhom kontijiet bankarji mal-bank konċernat bejn Jannar tas-sena 2010 u Diċembru tas-sena 2014.

Fix-xhieda tiegħu **David Galea in rappreżentanza tal-APS Bank Limited** jgħid li ma jirriżultax li Alexander Farrugia u Edmond Mugliette kellhom kontijiet bankarji mal-bank konċernat bejn Jannar tas-sena 2010 u Diċembru tas-sena 2014.

Fix-xhieda tiegħu **Joseph Caruana in rappreżentanza tal-Banif Bank Malta** jgħid li ma jirriżultax li Alexander Farrugia u Edmond Mugliette kellhom kontijiet bankarji mal-bank konċernat bejn Jannar tas-sena 2010 u Diċembru tas-sena 2014.

Fix-xhieda tiegħu **Daniel Azzopardi in rappreżentanza tal-Mediterranean Bank** jgħid li ma jirriżultax li Alexander Farrugia u Edmond Mugliette kellhom kontijiet bankarji mal-bank konċernat bejn Jannar tas-sena 2010 u Diċembru tas-sena 2014.

Fix-xhieda tagħha **Dr Amanda Poole in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji** elenkat is-segwenti dati vis-a-vis is-soċjetajiet attriċi:

- More Supermarkets (Hamrun) Limited, C57252 ġiet reġistrata fl-14 t'Awwissu 2012. Id-direttur dak iż-żmien kien Ryan Schembri. Id-data ta' bidla fid-diretturi effettiva minn Ryan Schembri għal Darren Casha kienet is-7 ta' Novembru 2014, meta Darren Casha sar direttur. Il-Formula K relattiva ġiet ippreżentatha fis-7 ta' Novembru 2014. Dwar it-trasferiment tal-ishma d-data effettiva meta Cassar and Schembri Marketing Limited trasferiet l-ishma lil D More Holdings Limited hija s-7 ta' Mejju 2014 u t-trasferiment ġie ppreżentat lir-reġistru fl-istess data.

- More Supermarkets (Mosta) Limited, C 60925 ġiet reġistrat fl-24 ta' Ġunju 2013. Id-direttur dak iż-żmien kien Ryan Schembri. Id-data ta' bidla fid-diretturi effettiva minn Ryan Schembri għal Darren Casha kienet is-7 ta' Mejju 2014, meta Darren Casha sar direttur. Il-Formula K relattiva ġiet ippreżentatha fl-24 ta' Ġunju 2014. Dwar it-trasferiment tal-ishma d-data effettiva meta Cassar and Schembri Marketing Limited trasferiet l-ishma lil D More Holdings Limited hija s-7 ta' Mejju 2014 u t-trasferiment ġie ppreżentat lir-reġistru fl-istess data.

- More Supermarkets (Fgura) Limited, C 61496 ġiet reġistrata fit-8 ta' Awwissu 2014. Id-direttur dak iż-żmien kien Ryan Schembri. Id-data ta' bidla fid-diretturi effettiva minn Ryan Schembri għal Darren Casha kienet is-7 ta' Mejju 2014, meta Darren Casha sar direttur. Il-Formula K relattiva ġiet ippreżentatha fl-24 ta' Ġunju 2014. Dwar it-trasferiment tal-ishma d-data effettiva meta Cassar and Schembri Marketing Limited trasferiet l-ishma lil D More Holdings Limited hija s-7 ta' Mejju 2014 u t-trasferiment ġie ppreżentat lir-reġistru fl-istess data.

- More Supermarkets (P'Ville) Limited, C 61504 ġiet reġistrata fit-8 ta' Awwissu 2014. Id-direttur dak iż-żmien kien Ryan Schembri. Id-data ta' bidla fid-diretturi effettiva minn Ryan Schembri għal Darren Casha kienet is-7 ta' Mejju 2014, meta Darren Casha sar direttur. Il-Formula K relattiva ġiet ippreżentatha fl-24 ta' Ġunju 2014. Dwar it-trasferiment tal-ishma d-data effettiva meta Cassar and Schembri Marketing Limited trasferiet l-ishma lil D More Holdings Limited hija s-7 ta' Mejju 2014 u t-trasferiment ġie ppreżentat lir-reġistru fl-istess data.

Il-Qorti tosserva li d-dokumenti esebiti mix-xhud huma identiċi għal dawk ppreżenti mis-soċjetajiet attriċi.

Fix-xhieda tagħha, il-**PL Eunice Grech Fiorini** elenkat numru ta' proċedimenti deċiżi jew pendenti kontra s-soċjetajiet attriċi li huma s-segwenti:

- Ocean & Sky Logistics Limited vs More Supermarkets (Hamrun), deċiża fit-22 ta' April 2015 b'sorte ta' mija u sebat elef, mija u tmenin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€107,180.20);

- AASK Enterprises vs. More Supermarkets (Mosta) deċiża fid-19 ta' Diċembru 2014 b'sorte ta' sittin elf, tliet mija u tlettax -il Ewro (€60,313);

- Alf Mizzi & Sons vs More Supermarkets (Hamrun) li għadha pendenti b'sorte ta' tlieta u ħamsin elf, sitt mija u ħamsa u għoxrin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€350,625.25);

- Banif vs More Supermarkets (Hamrun) li għadha pendenti b'sorte ta' miljin, tliet mija u disgħa u tmenin elf u sebgħin Ewro u ħdax -il ċenteżmu (€1,389,070.11);
- AASK Enterprises vs More Supermarkets (Fgura) deċiża fid-19 ta' Diċembru 2013 b'sorte ta' sitt elef u ħamsa u disgħin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€6,095.55).

Il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll ta' dokument esebit li jinkludi lista ta' proċeduri kontra s-soċjetajiet tal-More Supermarkets.

Fix-xhieda tiegħu il-**konvenut Alexander Farrugia** ippreżenta kopja tad-dikjarazzjoni tat-taxxi tad-dħul tiegħu għas-snin 2010 u sat-2015. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti.

Fl-affidavit tiegħu **Alexander Farrugia** jgħid li huwa negozjant li jitratta prodotti tat-tessuti fis-supermarkets lokali u dejjem kellu x-xewqa li jespandi l-operat tiegħu barra minn Malta . Jgħid li darba ltaqa' ma Ryan Schembri u daħal f'diskussjonijiet ma' Ryan Schembri sabiex jesporta l-kunċett tiegħu fis-Supermarket li kien imexxi fi Tripoli u Ryan Schembri kien wera interess.

Jispjega li kien biegħ stock lil Ryan Schembri u dan kien ħadu fil-Libja sabiex jipprova jbiegħu u qatt ma sar jaf kif kien mar. Jgħid li wara kien tela` l-Libja ma' Ryan Schembri sabiex jistabilixxu aħjar il-kunċett tiegħu u f'dawn it-tliet ijiem kien dawru ma' diversi stabbilimenti u kien qagħad ġewwa d-dar tal-kumpanija ta' Ryan Schembri, Cassar & Schembri, ġewwa Palm City, fejn kien hemm negozjanti oħra Maltin. Jgħid li hemmhekk iltaqa' ma Darren Casha li kien f'xi negozju ma' Ryan Schembri ġewwa l-Libja.

Jgħid li ftit żmien wara beda jesporta l-prodotti tiegħu ġewwa l-Libja u beda jitla' l-Libja ta' spiss, iżda s-sitwazzjoni fil-Libja ma kinitx waħda tajba.

Jgħid li darba meta kien qiegħed il-Libja ma' Ryan Schembri marru fiera tal-kostruzzjoni u ltaqa' fost l-oħrajn ma' Abdul Rahman li kien negozjant fil-bini u *medical equipment*, saru jafu lil xulxin u bdew jinteressaw ruħhom fin-negozju ta' xulxin u beda jinteressa ruħu fil-kunċett tas-supermarkets ġewwa Tripli.

Jgħid li f'Diċembru 2012, Ryan Schembri fetaħ l-ewwel supermarket f'Malta u hu kien jgħinu ħafna minħabba li kellu esperjenza fis-supermarkets lokali.

Jgħid li fl-2012 kien iltaqa' ma Darren Casha f'Pariġi meta tela' fiera ma Ryan Schembri minħabba li ried l-għajnuna tiegħu f'negozju tal-laħam u sar jaf li Ryan Schembri u Darren Casha kellhom kumpaniji flimkien f'ditta li tbiegħ il-laħam bl-isem ta' Sorriso. Jgħid li ma tantx kellu kuntatt ma' Darren Casha għax Ryan Schembri kien żammhom separati.

Jgħid li fil-bidu tal-2013, Ryan Schembri kien laħaq ftehim għall-bejgħ tal-Ferrero fil-Libja u ried finanzjament u hu kien proponielu lil Abdul Rahman. Jispjega li ftehmu li sieħeb Abdul Rahman jiffinanzja l-ewwel Miljun Ewro (€1,000,000) għas-*supplies*, Cassar & Schembri (Marketing) Ltd kienet ser tforni l-loġistika u hu kien ser ikun garanti lil Abdul Rahman imbagħad jinqasmu l-profitti. Jgħid li hu kien ser jieħu għoxrin fil-mija (20%) tal-profitti u kellhom arranġament li Abdul Rahman jagħti l-flus lilu bħala self u hu jinnegozzja ma Ryan Schembri u jieħdu ħsieb jiġbor il-flus lura. Jgħid li kien jitla' l-Libja spiss u Ryan Schembri kien qiegħed jikkunsidra li jiftaħ supermarket kbir fil-Libja iżda s-sitwazzjoni tal-Libja ma kinitx stabbli. Sadanittant kien sar profitt ta' sittin elef Ewro (€60,000) fuq il-Ferrero, iżda li jinfetaħ supermarket fil-Libja kienet saret impossibli. Għalhekk Ryan Schembri kien staqsieh jekk riedx li jdawwar il-flus tal-Ferrero fuq ic-chain ta' Malta li kien sejjer tajjeb ħafna. Jgħid li ra l-kotba, ra li l-azzjonisti kienu kuntenti u wara li nforma lill-investitur, għaddew il-miljun Ewro (€1,000,000) fuq Malta.

Jgħid li kien avviċinah Ryan Schembri għax kien qiegħed jarah espost wisq u kien offrielu share transfer li fuq parir tal-avukat tiegħu m'aċċettahx u minflok talbu kambjali: waħda ta' seba' mitt elf Ewro (€700,000) minn Cassar & Schembri u oħra ta' tliet mitt elf Ewro (€300,000) mingħandu personali. Ryan Schembri aċċetta u ffirma l-kambjali.

Jgħid li sadanittant Ryan Schembri offra li jżid is-sehem tiegħu u l-investitur kien għaddielu ħames mitt elef Ewro (€500,000) oħra x'jinvesti.

Jgħid li fil-bidu tas-sena 2014, Ryan Schembri mar vjaġġ il-Kroazja u kien intraċċabbli u meta ġie lura, ix-xhud affrontah u qallu li l-awtoritajiet Kroati kienu feħtu investigazzjoni fuqu u kien inkwetat li din ser taffetwa n-negozju

Cassar & Schembri. Jispjega li kien qallu li la darba jidħlu l-awtoritajiet Maltin kien hemm il-bżonn li jiffriżaw l-assi tal-kumpaniji kollha fejn kien direttur bil-konsegwenza li jeħel l-operat. Ryan Schembri kien iserraħ moħħ kulħadd li l-affarijiet jittranġaw u kulħadd jieħu li hu tiegħu. Jgħid li kien jiltaqa' ta' spiss ma' Darren Casha li kien iġib ammont ta' nies u/jew investituri miegħu. Jispjega li kull meta kien jiltaqa' miegħu, kellu struzzjonijiet li jibqa' barra.

Jgħid li sussegwentament Ryan Schembri kien daħal l-isptar u meta ħareġ infurmah li ċertu Edmond Mugliette kien talbu li jagħmel kostituzzjoni ta' debitu biex jipproteġi l-investiment tiegħu peress li kien relatat direttament mas-supermarkets u qal li kien lest jagħmlu miegħu wkoll.

Jispjega li hu kien ikkonsulta l-avukat li kien qabel mas-suġġeriment u għalhekk iltaqgħu fl-20 ta' Ġunju 2014 fl-uffiċju tan-Nutar Claire Camilleri fejn kien hemm preżenti Michael Azzopardi (konsulent tax-xhud), Adrian Agius, Mario Schembri, Ryan Schembri u Edmond Mugliette. Jgħid li hu reġa' kkonferma li Ryan Schembri seta' jidħol f'dan il-ftehim u n-Nutara assiguratu li skont is-sit tal-MFSA kellu r-rappreżentanza tal-kumpanija.

Jgħid li xi żmien wara kien kellmu Edmond Mugliette dwar xi teknilkalitajiet li kellhom jiġu diskussi ma' Ryan Schembri u kkonfrontawh. Jgħid li Edmond Mugliette kien staqsieh dwar kumpanija ta' Darren Casha li kienet daħlet azzjonista fil-More u Ryan Schembri baqa' jinsisti li dan sar biss biex il-kumpanija tkun protetta minħabba l-investigazzjoni Kroata u dana skont parir tal-avukat ta' Darren Casha. Jispjega li hu kien ikkonsulta l-avukat tiegħu dwar dan li qallu li s-sitwazzjoni tiegħu kienet protetta bil-kostituzzjoni ta' debitu. Jgħid li hu ma ħassx li kellu inkwiet għax Ryan Schembri kien baqa' jmexxi hu u baqa' jassigurah li Darren Casha ma kienx ser jieħu l-affarijiet f'idejh.

Jgħid li kienu qed isiru taħdidiet biex tinbiegħ ic-chain u Edmond Mugliette kien qallu li jinsab inkwetat għax l-figuri fil-kotba ma kienux realisitiċi u la kien ser jinbiegħ il-grupp u lanqas kien ser jirnexxielu jvinċi, iżda Edmond Mugliette kien daħal f'dettal dwar bidla fl-istrateġija tas-supermarkets u kien hemm possibilita' li jiġu salvati. Jgħid li kien staqsieh il-pagi hux jitħallsu u kien qallu li sakemm jibqa' f'kontroll kienu ser jibqgħu jitħallsu.

Jgħid li ftit wara kien kellmu Edmond Mugliette u kien qallu li sar xi ċaqliq t'assi minn kumpanija għall-oħra minħabba VAT refund. Jispjega li kien irrabja għax kien jaf li l-assi kienu nxtraw bi flusu u ta' Edmond Mugliette u b'dan it-trasferiment kienu ġew likwidati. Jgħid li ftit wara ingħata l-VAT refund u l-flus marru għand Copacabana li ma kinitx kreditriċi.

Jispjega li hemmhekk iddeċieda ma' Edmond Mugliette li s-sitwazzjoni kienet gravat u li l-interess ta' Ryan Schembri, forsi ma' Darren Casha, kien li jiġbor kemm jiflaħ flus mingħajr każ għas-sitwazzjoni tas-supermarkets.

Jgħid li ftit wara Ryan Schembri telaq minn Malta u hu u Edmond Mugliette kienu proponew lil Darren Casha li jmexxu flimkien sabiex jippruvaw isalvaw li kien baqa' iżda ftit wara kien infurmah li hu seta' jibqa jmexxi l-operat imma Edmond Mugliette kellu jwarrab. Jispjega li hu kien tal-fehma li ma riedux lil Edmond Mugliette biex ikunu jistgħu jigdbu fil-kotba.

Jgħid li hu għadu sa llum ma ġabarx flu su minkejja l-kostituzzjoni ta' debitu li saret mingħajr pressjoni minn xi parti u dwar flus li verament inħarrġu.

In kontro-eżami **Alexander Farrugia** jgħid li sar jaf lil Ryan Schembri madwar disa' jew għaxar snin ilu. Jgħid li l-ewwel negozju ma' Ryan Schembri sar mas-soċjeta' Cassar & Schembri. Jikkonferma li Ryan Schembri kien jattirak bid-diskors tiegħu u konvinċenti. Mistoqsi jekk fil-bidu, ġewwa l-Libja, in-negozju ta' bejniethom kellux x'jaqsam biss għal dak ġestit barra minn Malta, jgħid li huwa naturali li negozjanti flimkien jiddiskutu aktar minn oġġett wieħed. Mistoqsi dwar l-involviment tiegħu fil-More Supermarkets jgħid li dan kien iktar ħbiberija bejnu u bejn Ryan Schembri u peress li kellu esperjenza vasta fil-bejgħ kien qisu konsulent tiegħu, iżda bħala ħabib.

Jgħid li l-impressjoni tiegħu kienet li meta Ryan Schembri offrielu li jissieħeb miegħu, kien qed jirreferi għall-kumpanija Cassar & Schembri. Mistoqsi jekk Abdul Raman investiex iktar flus ma' Ryan Schembri apparti il-wieħed punt ħamsa miljun Ewro (€1,500,000) jgħid li jekk kien hemm ma jafx bihom. Jispjega li dawn il-flus kienu għaddew mingħand in-nies ta' Abdul Raman għal għand in-nies ta' Ryan Schembri fi Tripli u hu ma kienx rahom jingħataw imma kien infurmah Ryan Schembri li daħlu. Jikkonferma li ma kien hemm ebda ftehim bejnu u bejn Abdul Raman. Jgħid li kellu aċċess għall-kotba ta' Cassar & Schembri li kellhom x'jaqsmu mal-Ferrero imma biss biex josservahom. Jispjega li la darba spiċċa l-proġett tal-Ferrero Abdul Raman kien kuntent iħalli l-miljun investit fis-supermarkets.

Mistoqsi jekk qattx iddiskuta ma' Ryan Schembri li Abdul Raman bl-investiment tiegħu seta' jkun azzjonist, jgħid li qatt ma daħal fiha. Jikkonferma li l-flus mertu tal-kostituzzjoni ta' debitu kienu dawk il-flus li ħareġ Abdul Raman.

Mistoqsi jekk Ryan Schembri kienx qallu li l-investigazzjoni Kroata kienet dwar ħasil ta' flus, jgħid li le. Mistoqsi għala ma kienx uża l-kambjali, jgħid li għax kien iwaqqaf l-operazzjoni Maltija u kulħadd kien jispiċċa ma jieħu xejn – jgħid li l-intenzjoni tiegħu kienet li More Supermarkets jaqilgħu l-flus.

Jgħid li għamlu żmien hu, Edmond Mugliette u Darren Casha jiltaqgħu sabiex jippruvaw iżommu s-supermarkets għaddejjin.

Jgħid li lin-Nutar Claire Camilleri mhux hu kien qabbadha. Jgħid li ma jiftakarx dakinhar tal-kuntratt tiegħu sarx il-kuntratt ma' Edmond Mugliette

ukoll. Jikkonferma li flus dakinhar tal-kuntratt m'ingħatawx. Jikkonferma li l-flus mertu tal-kuntratt kienu ta' Abdul Raman u mhux tiegħu. Jgħid li ma kellu l-ebda prokura iżda ħassu responsabbli għal dak l-investiment bħal ma dejjem ħassu.

Jikkonferma li hu qatt m'għamel rapporti lill-Pulizija dwar il-VAT refund fuq imsemmi. Jikkonferma li qatt ma xehed f'xi proċeduri kriminali kontra Darren Casha. Jgħid li Capocabana ma jafx min hi u ma jafx jekk kienet investitur. Mistoqsi għala Abdul Raman ma nġibx biex jixhed fil-kawża, jgħid li għax hu jidher għalih.

Mistoqsi jekk jafx kemm għaddew flus lil Capocabana jgħid li ma jafx u jaf li għaddew mingħand Edmond Mugliette. Jgħid li sa fejn jaf hu d-direttur ta' Capocabana kien Darren Casha.

Fix-xhieda tiegħu **Roberto Stivala** jgħid li hu jifforma parti mill-kumpanija Stivala & Stivala Corporate Management Limited li tipprovdi *corporate services* u ċioe huma *accountants* u joffru *corporate services* u pariri fuq taxxa, fost l-oħrajn. Jgħid li fil-kumpaniji More hu ma kellux involviment dirett iżda kienu klijenti tad-ditta taħt il-manager Kevin Catania. Jgħid li ma jafx la lil Ryan Schembri u lanqas lil Darren Casha u qatt ma kien preżenti għal-laqgħat magħhom.

Fix-xhieda tiegħu **Kevin Catania** jgħid li hu jokkupa l-kariga ta' direttur fis-soċjeta' Stivala & Stivala. Jgħid li fir-rigward tal-More huma preparaw dokumentazzjoni għat-trasferiment tal-ishma, bidliet fid-diretturi u dan fuq struzzjonijiet ta' klijent li qabbadhom biex ikun jista' jakkwista sitt kumpaniji li jiffurmaw parti mill-More. Jgħid li l-klijent tiegħu kien Adrian Zammit li xtaq parir għax flimkien ma' Raymond Camilleri u Darren Casha kien ser jidħol għall-investiment. Mistoqsi jekk Ryan Schembri jew Darren Casha qattx kienu klijenti tiegħu, jgħid li Ryan Schembri le iżda Darren Casha kien għax eventwalment meta għamlu x-xogħol tat-trasferimenti, hu kellu l-ikbar parti tal-akkwist. Jgħid li hu qatt m'attenda għal-laqgħat tal-azzjonisti. Jgħid li dak li ppreparaw huma kienu n-notifiki lir-Reġistratur tal-Kumpaniji dwar it-tibdil li sar u dana abbażi tad-dikjarazzjonijiet li saru.

Jispjega li l-ftehim tat-trasferiment tal-ishma kien parti minn *master agreement* li ma sarx mid-ditta iżda ġiet komunikat lilhom u x-xhud esebih fil-Qorti. Ix-xhud ippreżenta wkoll *timeline* ta' laqgħat li saru bejnu, Adrian Zammit, Raymond Camilleri u Darren Casha sabiex tiġi stabbilita D. More Holdings Limited sabiex imbagħad takkwista s-sitt kumpaniji l-oħra.

Jispjega li fis-17 t'April 2014 ġiet inkorporata Vice Holdings Limited li l-azzjonista tagħha huma AZ Investment (kumpanija ta' Adrian Zammit), Raymond Camilleri u Darren Casha. Imbagħad fis-6 ta' Mejju 2014 ġiet inkorporata D More Holdings Limited li l-azzjonijisti tagħha kienu Vice Holdings Limited u Darren Casha.

Jispjega li d-data tat-trasferimenti tal-ishma tal-More kienet is-7 ta' Mejju 2014 fuq struzzjonijiet tal-klijenti tagħhom. Jgħid li bdew jaħdmu fuq il-karti mit-2 ta' Mejju 2014, sabiex ikun kollox preparat minn qabel. Jispjega li l-ftehim kien li l-formoli kellhom jgħaddu għand Darren Casha sabiex jissottomettihom hu lir-Registratur tal-Kumpaniji. Jispjega li d-data tal-20 ta' Ġunju kienet *delivery by date* għax il-prassi kienet li jissottomettuwhom huma, iżda f'dan il-każ Darren Casha talab li jagħmilhom hu. Il-Form Ts mill-banda l-oħra ħadu ħsiebhom huma fis-7 ta' Mejju 2014 stess.

Jgħid li wara li sar t-trasferiment tal-ishma ma baqgħux involuti. Jispjega li l-pjan kien li jibqgħu jagħmlu l-*accounts* iżda qatt ma ġrat u dana stante li kull darba li mar fl-uffiċju f'Birkirkara biex jiltaqa' mal-*accountant*, qatt ma ppreżentalhom xi ħaġa li setgħu jimxu fuqha sabiex jibdew.

Jgħid li ta' More Supermarkets (Hamrun) Limited ma ppreparawx dokumentazzjoni huma għax ma sarux minnhom u għamlu biss t-trasferiment tal-ishma.

Ix-xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom. Il-Qorti tosserva li d-dokumentazzjoni tikkonsisti fil-ftehim tat-trasferiment tal-ishma bejn Cassar and Schembri (Marketing) Limited, D More Holdings Limited, l-ħames soċjetajiet tal-More Supermarkets (Fgura, Ħamrun, Mosta, P'ville u Valletta) u Erom Limited iffirmat fis-7 ta' Mejju 2014, kif ukoll id-dokumentazzjoni kollha relatata mal-istess trasferiment tal-ishma.

Fix-xhieda tiegħu **Michael Azzopardi** jgħid li hu gradwat B.Com (Hons) Management u kien ingaġġat bħala konsulent ma' Alexander Farrugia. Jgħid li Alexander Farrugia kien avviċinah fuq sitwazzjoni li kien hemm xi flus li kienu għaddew lil Ryan Schembri vis-a-vis Cassar and Schembri u beda jħossu skopert. Jispjega li Alexander Farrugia kien tkellem ma' Ryan Schembri dwar dan u staqsa parir lix-xhud dwar jekk għandux jieħu *shareholding* fil-kumpanija. Jgħid li għalkemm ma ħassux komdu, kien qallu li hu mhux tal-parir iżda kien ikun aħjar li jieħu parir mingħand avukat. Jispjega li wara ġie lura u nfurmah li kienu ddeċidew li jmorru għal *business exchange* u sussegwentament Alexander Farrugia kien reġa kkuntatjah għax ried jittrasferixxi l-*business exchange* f'kostituzzjoni ta' debitu. Jgħid li kienu marru għal-laqgħa għand in-Nutar Claire Camilleri. Jgħid li dan kien f'Ġunju tas-sena 2014 u preżenti kien hemm hemm in-nutar, hu, Edmond

Mugliette, Ryan Schembri, Alex Farrugia, Adrian Agius u missier Ryan Schembri. Jispjega li l-laqgħa kienet kordjali ħafna u ftehmu dwar l-ammont dovuti mal-ewwel mingħajr battibekki. Jgħid li jiftakar li n-Nutar kienet staqsiet dwar kienux saru verifiki dwar l-uffiċjali tal-kumpaniji u l-firmatarji u Edmond Mugliette kien ippreżenta estrat mill-MFSA lin-Nutar, iżda n-Nutar kienet daħlet hi stess fis-sit u vverifikat.

Mistoqsi jekk jiftakarx min iffirma għal min, jgħid li iffirma Alex għalih innifsu u Edmond ukoll iżda ma jiftakarx Ryan Schembri għal min iffirma u jaf li ffirma xi ħaġa Adrian Agius ukoll. Jispjega li wara ħarġu jitkellmu flimkien, bl-ebda ġlied bejniethom.

Jgħid li wara ftit żmien Alexander Farrugia kien reġa ġie jkellmu inkwetat minħabba li kien ġara minħabba li Cassar and Schembri kellha shareholding fuq l-assi tal-More. Jgħid li kien inkwetat għax kien sema li l-ishma ta' Cassar and Schembri kienu għaddew għand kumpanija D More Holdings. Jispjega li għamlu l-verifiki u sabu li din kienet tappartjeni lil Darren Casha. Jgħid li meta saru jafu b'dan marru u kkonfrontaw lil Ryan Schembri li spjegalhom li kellu investigazzjoni l-Kroazja li setgħet tiffriża kollox u kien għalhekk li sar it-trasferiment u li l-ħsieb kien li eventwalment jerġa' jiġi kollox kif kien.

Mistoqsi dwar x'kien jgħidilhom Ryan Schembri dwar Edmond Mugliette, jgħid li Ryan Schembri kien jgħid li l-ammonti huma dovuti u li kien xtara xi affarijiet tas-supermarket u kien aċċertat li l-flus ser jiġborhom lura.

Mistoqsi x'ġara wara, jgħid li Ryan Schembri ħarab. Jispjega li qabel ma ħarab kien hemm xi diskors anke ma' terzi dwar *bond issues* sabiex jirrifinanzja ruħu u jħallas lill-investituri. Jgħid li dwar dan kien hemm l-involviment tal-KPMG u kien anke involut hu f'xi laqgħat.

Mistoqsi in kontro-eżami dwar il-flus kienux jappartjenu lil Alexander Farrugia jew lil xi kumpanija, jgħid li parti kienu tiegħu u parti kien ġab mingħand terzi. Mistoqsi minn dawk il-wieħed punt ħamsa miljun Ewro (€1,500,000) kemm kellu jiġbor personalment Alexander Farrugia, jgħid li ma jafx. Jikkonferma li għand in-Nutar dakinhar tal-kuntratti, m'għaddew l-ebda flus. Jgħid li diġa' kien hemm kambjali ffirmati u li t-transazzjonijiet kienu saru qabel.

Mistoqsi dwar jafx il-flus li kellu jieħu Alex Farrugia kinux ġew mislufa lil Ryan Schembri jew lill-kumpaniji tiegħu jew lil ħaddieħor jgħid li kienu ntużaw sabiex jgħinu fix-xiri ta' makkinarju u *stock* tas-supermarkets. Jgħid li d-diskors bejn Alexander Farrugia u Ryan Schembri dejjem kien f'dak is-sens. Mistoqsi l-kambjali minn ħariġhom, jgħid li dawn ħariġhom Ryan Schembri f'isem Cassar and Schembri u kien hemm xi ħaġa personali ukoll. Jgħid li ma jiftakarx kemm kienu l-ammonti, iżda flimkien kienu jammontaw għal wieħed punt ħamsa miljun Ewro (€1,500,000). Mistoqsi min huma t-terzi li kellu jiġbor għalihom Alexander Farrugia, jgħid li ma jafx.

Mistoqsi dwar meta hu u Alexander Farrugia kkonfrontaw lil Ryan Schembri dwar it-trasferiment tal-ishma ta' More Supermarkets, kienx hemm Etienne Cassar u/jew Darren Casha preżenti, jgħid li le. Mistoqsi jekk ikkonfermawx li dak li Ryan Schembri kien qalilhom, u ċioe li t-trasferiment kien biss paraventu, ma Etienne Cassar u/jew ma Darren Casha, jgħid li Etienne Cassar ma kienx jidħol f'dawn l-affarijiet u Darren Casha qatt ma wera li kellu involviment dirett fis-soċjeta` għax il-laqgħat mal-kredituri dejjem baqgħu jsiru ma' Ryan Schembri. Jgħid li qatt ma ra xejn li tah x'jifhem li dak li kien qed jgħid Ryan Schembri ma kienx veritier. Jikkonferma li qatt ma ra x-*share transfer agreement.*

Fix-xhieda tiegħu **Raymond Camilleri** jgħid li huwa azzjonist fil-More tramite kumpanija Vice Limited, li hija mdaħħla fil-*holding company* tal-grupp. Jispjega li hu azzjonist minotarju u għandu terz (1/3) tal-ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-ishma. Jgħid li sabiex sar azzjonist, ħallas iżda ma hemm l-ebda ftehim bil-miktub. Jgħid li hu daħal bħala azzjonist meta kien diġa` direttur Darren Casha. Mistoqsi qattx għamel negozju ma Ryan Schembri u jekk jafx lil Edmond Mugliette u lil Alexander Farrugia, jgħid li le.

Fix-xhieda tiegħu, **Adrian Zammit** jgħid li fil-More m'għandux involviment dirett iżda qiegħed azzjonist ta' kumpanija li hija azzjonista f'*holding company*. Mistoqsi jekk kellux xi ftehim ma' Ryan Schembri f'xi żmien jgħid li le. Mistoqsi jekk kellux investiment fil-More, jgħid li l-investiment tiegħu huwa mal-kumpanija li hija azzjonista tal-*mother company* u ċioe Vice Holdings. Mistoqsi jekk jafx lil Edmond Mugliette u lil Alexander Farrugia, jgħid li lil Edmond Mugliette jafu iżda mhux dwar dan il-każ u lil Alexander Farrugia ma jafux.

Mistoqsi in kontro-eżami jekk jafx lil Ryan Schembri, jgħid li ltaqa` miegħu xi darbtejn. Jgħid li meta daħal bħala azzjonist f'Vice Holdings li kienet il-*holding company* tal-More, kien wieħed mid-diretturi. Jgħid li meta daħlu fin-negozju kienu ntwerew xi figuri iżda wara saru jafu li kienu foloz. Jispjega li l-figuri kienu urewhomlhom l-awdituri tagħhom li ma jafx minn fejn kienu ottjenewhom. L-awdituri kienu Kevin Catania u Roberto Stivala u meta nstab li kienu foloz tawhom il-parir li *they pull-out*.

Mistoqsi in ri-eżami min kien ikun fil-laqgħat mal-awdituri, jgħid li kien ikun waħdu.

Fix-xhieda tiegħu **Dennis Francalanza** jgħid li hu bankier u kien konsulent ta' More Supermarkets bl-inkarigu li jwaqqaf id-dipartiment tal-finanzi

b'emfasi fuq l-*invoicing.* Jgħid li kien responsabbli għall-amministrazzjoni u anke biex jibda jimpjega lin-nies. Jgħid li kien ġie inkarigat minn Ryan Schembri u Andre Agius. Jgħid li dan id-dipartiment kien wieħed għall-erba' supermarkets. Jispjega li hu ma kienx *accountant* u għalhekk ma setax jagħmel l-inputting tal-invoices hu iżda kien jara li jsiru. Jispjega li l-*invoices* kienu jiġu mis-supermarkets imbagħad kien hemm in-nies sabiex jagħmlu l-*inputting*. Jgħid li l-*invoicing* li jsir minn Cassar & Schembri ma kellux aċċess għalih. Jgħid li din is-sistema kienet inħolqot minħabba li l-bank kien jagħti kreditu lill-kumpaniji stabbiliti u mhux ġodda. Għalhekk kienet tintuża Cassar & Schembri. Jispjega li meta waqfet topera Cassar & Schembri f'Mejju 2014, kien hu li fetaħ il-kumpanija Erom Trading Limited biex setgħu joperaw biha.

Mistoqsi dwar x'jaf dwar il-kumpanija Copocabana Limited jgħid li ma jafx xejn dwarha. Jgħid li fil-kotba tal-More Supermarkets ma kinitx.

Mistoqsi in kontro-eżami dwar jekk Edmond Mugliette u Alexander Farrugia humiex kredituri ta' More, jgħid li le. Jgħid li Alexander Farrugia kien *supplier* iżda ma kienx jissupplixxi f'dawn l-ammonti ta' flus. Jgħid li darba waslu żewġ sekwestri wieħed ta' wieħed punt ħamsa miljun (€1,500,000) u wieħed ta' żewġ miljuni (€2,000,000) minn Alexander Farrugia u Edmond Mugliette rispettivament u kemm hu u kemm Antoine Farrugia bdew jistaqsu dawn l-ammonti minn fejn kienu ġew. Jgħid li f'dak iż-żmien ingħalqu s-supermarkets kollha. Jgħid li finanzjarjament mill-bank ma setgħux iġibu speċjalment wara li ħarġet l-aħbar li Ryan Schembri kien ħarab minn Malta.

In kontro-eżami jgħid li hu kien preżenti fl-istorja tal-More sa minn meta fetaħ l-ewwel supermarket, ċioe` dak tal-Ħamrun sa meta rriżenja fis-7 ta' Novembru 2014 meta kien għadu jopera s-supermarket tal-Mosta li fil-21 t'Ottubru kien beda jopera taħt MZ Supermarket Mosta Limited. Jispjega li fit-13 t'Ottubru kien għalaq tal-Ħamrun, imbagħad fis-17 t'Ottubru ta' Paceville u tal-Fgura għalaq fit-30 t'Ottubru. Jgħid li kien hemm negazjati għaddejjin sabiex jinfetaħ supermarket ieħor ġewwa l-Embassy, Valletta iżda Darren Casha kien ta struzzjonijiet sabiex dawn id-diskussjonijiet jieqfu, liema struzzjonijiet waslu fis-26 ta' Settembru 2014. Mistoqsi x'raġunijiet ta Darren Casha sabiex jieqfu n-negozjati, jgħid li kien jaf li ma kienx vijabbli, kif ukoll deherlu li l-expansion kienet saret b'rittmu mgħaġġel wisq u għalhekk il-pjan kien li jitnaqqsu l-*outlets* u jibqa biss dak tal-Mosta. Mistoqsi jekk kienx il-*financial controller* tal-kumpaniji jgħid li hu ma kienx kwalifikat biex ikun *financial controller* u xogħlu kien aktar ta' natura amministrattiva. Jgħid li kien il-*financial controller* sas-26 ta' Ġunju 2014, meta Ryan Schembri ta struzzjonijiet li l-*accounts* ma kellhomx jibqgħu f'idejh. Jgħid li wara dakinhar l-*accounts* beda jieħu ħsiebhom Edmond Mugliette.

Mistoqsi kemm kien hemm nies impjegati mal-More jgħid li kien hemm iktar minn mitt ruħ iżda inqas minn mitejn. Jispjega li dawn kienu kollha impjegati

mal-More Supermarkets (Ħamrun) Ltd iżda wara li kien hemm liġi li minħabba payroll kellha tinfetaħ kumpanija, kienet infetħet Erom Limited bl-intenzjoni li l-impjegati jiġu ttrasferiti fiha. Jgħid li dan qatt ma filfatt sar. Mistoqsi kienx ikun hu responsabbli meta Ryan Schembri ma jkunx Malta, jgħid li kien ikun hemm il-General Manager Carinzia Camilleri.

Jispjega li l-ewwel supermarket, tal-Ħamrun, kien infetaħ fit-2 ta' Diċembru 2012 u dwaru kienet ittieħdet bank loan mal-Banif Bank li l-maġġor parti tal-*fixtures* tal-imsemmi supermarket kienu nxtraw permezz tagħha filwaqt li affarijiet minuri bħala tiswijiet ta' *air conditions* kienet tiffinanzjahom Cassar and Schembri (Marketing) Limited. Mistoqsi jekk kienx hemm faċilitajiet bankarji simili meta nfetħu s-supermarkets l-oħra, jgħid li le u l-finanzjarjament tagħhom ġie kollu minn Cassar and Schembri (Marketing Limited). Jispjega li l-Mosta nfetaħ fl-1 ta' Lulju 2013 u kien diġa` supermarket u allura l-assi kienu diġa` hemm, ta' Paceville ried jinxtara l-*equipment* iżda kien zgħir, tal-Fgura l-istess iżda kien ikbar u ta' Ħaż Żebbuġ kien diġa` supermarket u nstab kollox fih. Jikkonferma li More kienet debitriċi ta' Cassar and Schembri (Marketing) Limited. Mistoqsi liema supermarkets kellhom l-aħjar turnover jgħid li kienu tal-Ħamrun u tal-Mosta.

Mistoqsi dwar l-andament tal-kumpaniji fis-sena 2013, jgħid li kollettivament is-supermarkets kienu għamlu telf ta' wieħed punt sebgħa miljun Ewro (€1,700,000). Mistoqsi jaqbilx li f'Diċembru 2013 il-*cashflow* kienet tight u li f'April u Mejju tas-sena 2014 kienet *very tight* jikkonferma. Mistoqsi x'seta wassal għal din is-sitwazzjoni jgħid li l-kirjiet tal-postijiet tal-Ħamrun, Mosta, Paceville u Fgura kienu għoljin wisq. Jispjega li kien hemm episodji fejn Ryan Schembri kien biegħ xogħol tal-More f'supermarket ġewwa l-Libja u dan kien profittabli ħafna iżda ma setax jitkompla minħabba s-sitwazzjoni tal-Libja.

Mistoqsi dwar jafx kemm kienx hemm arretrati tal-bolol, jgħid li ma jafx eżatt iżda kienu bejn tlieta u erba' xhur b'lura. Mistoqsi dwar jafx kemm kien hemm arretrati fuq dawl u ilma, jgħid li kienu madwar kont b'lura. Jgħid li kienet ukoll lura fil-kera.

Mistoqsi dwar min kien jiffirma ċ-ċekkijiet jgħid li dejjem kien hemm bżonn żewġ firmatarji li fil-bidu kienu Ryan Schembri u Etienne Cassar. Jgħid li ma jafx meta u kif sar tibdil iżda fit-12 ta' Ġunju 2014 kienet bdiet topera Erom Trading Limited li kellha azzjonist wieħed: D More Holdings Limited u direttur wieħed li kien Darren Casha.

Mistoqsi dwar x'ġara mill-*istock* li kien hemm fis-supermarket tal-Ħamrun meta għalaq jgħid li fuq struzzjonijiet ta' Darren Casha ttieħed ħafna minnu ġo warehouse f'Ħal Qormi u dak li kellu bżonn friża u dak b'*expiry date* mar il-Mosta. Jgħid li ma saritx invoice biex tiffifletti dan għax l-aħħar *accounts* kienu saru f'Ġunju 2014 u san kien f'Ottubru ta' wara. Jgħid li meta skadiet il-kirja ta' Ħal Qormi, l-*istock* kollu mar il-Mosta. Jikkonferma li l-istock li

nġabar mis-supermarkets kollha mar il-Mosta u l-flus bdew jidħlu f'kont ta' Erom Trading Limited. Jgħid li More Ħamrun m'irċiviet xejn tal-istock li mar il-Mosta. Jgħid li mit-12 ta' Ġunju 'l quddiem kull qligħ tas-supermarkets mar ġo Erom Trading Limited.

Ix-xhud ippreżenta lista tal-kredituri tal-More (Hamrun) fit-23 t'Ottubru 2014, flimkien ma' rendikont tal-qagħda finanzjarja tal-More fil-31 ta' Diċembru 2013, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fix-xhieda tiegħu **Patrick Camilleri** jgħid li hu kien l-awditur ta' Cassar & Schembri (Marketing) Ltd u jikkonferma dak li kiteb fir-rapport tiegħu esebit. Jgħid li minn dak iż-żmien ma kellux involviment mal-kumpanija. Mistoqsi dwar Food World Limited, jgħid li kien l-awditur tagħha u kienet kumpanija sussidjarja ma' Cassar and Schembri. Mistoqsi dwar Intera Limited jgħid li kienet kumpanija separata b'shareholding differenti li kellha x'taqsam ma' Cassar and Schembri.

Fl-affidavit tiegħu **Adrian Agius** jgħid li bejn l-14 t'Awwissu 2012 u s-7 ta' Mejju 2014 hu kien azzjonist f'More Supermarkets (Hamrun) Ltd tramite l-kumpanija tieghu Imora Holdings Limited. Jgħid li kien azzjonist ukoll f'Intera Holdings Limited li kienet kumpanija relatata mal-More u li kienet ser tinnegozja ġewwa l-Libya. Jispjega li bejn l-14 t'Awwissu 2012 u l-24 t'Ottubru 2014 kien ukoll wieħed mid-diretturi ta' More Supermarkets (Hamrun) Ltd. Jgħid li fil-kumpaniji l-oħra tal-More Supermarkets hu ma kellu l-ebda rwol.

Jgħid li tul dak iż-żmien, it-tmexxija tal-More Supermarkets fil-parti l-kbira tagħha kienet f'idejn Ryan Schembri sakemm dan telaq minn Malta. Jispjega li hu ma kellux esperjenza fis-settur iżda Ryan Schembri kien ħajru biex jinvesti miegħu. Jgħid li Ryan Schembri kien ikkonvinċih li jagħmel tajjeb bil-propjeta` immobbli tiegħu għad-dejn li More Supermarkets (Hamrun) Limited u Intera kienu ser jieħdu mingħand Banif Bank plc. Jispjega li filfatt kien ta ipoteki favur il-bank għal dan id-dejn u anke daħħal lil ommu li tat ipoteka speċjali fuq il-propjeta tagħha. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-iskrizzjonijiet ipotekarji relattivi. Il-propjeta immobbli kienet tikkonsisti fid-dar fejn kien jgħix f'Baħar iċ-Ċagħaq u propjeta oħra li kienet ġejja mill-wirt ta' missieru, kif ukoll propjeta fil-Qawra. Jispjega li l-propjeta ipotekata minnu kienet il-garanzija prinċipali tad-dejn stante illi kien l-uniku investitur li ta garanziji ipotekarji u l-propjeta li taw bħala garanzija Ryan Schembri u Etienne Cassar kienet diġa ipotekata favur kredituri oħrajn.

Jgħid li kellu kull interess li l-More Ħamrun u l-proġett tal-Libja jmorru tajjeb iżda kellu jafda t-tmexxija tagħhom f'idejn Ryan Schembri.

Jispjega li f'Mejju 2014 Ryan Schembri kien għamel xi żmien nieqes minn Malta u meta ġie lura beda jgħid li hu investigat dwar ħasil ta' flus fil-Kroazja u li l-uniku mod li ma jinqabdux is-supermarkets kien li l-kumpaniji jidhru b'mod temporanju fuq isem terzi u ċioe` fuq Darren Casha u oħrajn. Jgħid li hu fada f'Ryan Schembri u aċċetta li jdawwar l-ishma tiegħu bla ħlas. Jgħid li kien baqa` direttur għax Ryan Schembri kien jgħidlu li l-affarijiet ser jittranġaw.

Jgħid li f'Ġunju 2014, Ryan Schembri kien qallu li Mugliette u Farrugia kellhom jieħdu ħafna flus u xtaqu garanzija u għalhekk kien aċċetta li jsir kuntratt formali sabiex jiġi ddikjarat il-fatt li kellhom jieħdu l-flus u talbu sabiex jidher fuq l-imsemmi kuntratt bħala direttur tal-More Ħamrun. Jispjega li Ryan Schembri kien assigurah li l-flus kienu dovuti u għalhekk ma kellux għalfejn ma jemmnux. Jgħid li sa dak iż-żmien kien taħt l-impressjoni li l-inkwiet tal-More kien wieħed temporanju u li kollox kien ser jitranġa. Jgħid li hu lil Ryan Schembri kien jemmnu u dakinhar emmnu wkoll u deher fuq il-kuntratt.

Jispjega li l-unika raġuni li deher fuq dak il-kuntratt kienet il-fiduċja li kellu f'Ryan Schembri għax ċertament li ma kellux interess li jgħabbi lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited bid-dejn għax iktar ikun hemm ċans li jfalli u jitlef il-propjeta` tiegħu. Jgħid li bħala stat ta' fatt meta l-More Supermarket tal-Ħamrun falla hu ħallas ħafna flus minn butu u tilef il-propjeta` li kellu marbuta mal-Banif. Jgħid li kellu jbigħ ir-residenza tieħu kif ukoll penthouse fil-Qawra u ħallas lil Banif madwar żewġ miljuni u mitt elf Ewro (€2,100,000). Jgħid li ħallas ukoll ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) lil Alf Mizzi & Sons.

Fir-rigward tar-riżoluzzjoni li d-diretturi tal-More Supermarkets (Hamrun) Ltd ma setgħux jiffirmaw ebda ftehim jekk mhux bl-awtorizazzjoni tal-General Meeting, jgħid li ma jistax jgħid din ir-riżoluzzjoni tteħditx jew le, iżda ħadd ma kien ġab din ir-riżoluzzjoni għall-attenzjoni tiegħu u l-ewwel darba li sema' biha kien matul dawn il-proċeduri.

Ix-xhud ippreżenta kopji tal-ipoteki fejn kien ta l-propjeta' tiegħu bħala garanzija għas-self fuq imsemmi u kopja ta' sitt kuntratti, in sostenn tax-xhieda tiegħu, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

In kontro-eżami x-xhud jgħid li Intera Holdings kienet kumpanija li ġiet iffurmata għas-supermarkets fil-Libja imbagħad ġiet Malta. Jikkonferma li kien hemm proġett illi jkun hemm xogħol tat-tip tas-supermarkets fil-Libja wkoll. Jgħid li Darren Casha ma kellux x'jaqsam ma' Intera Holdings. Jikkonferma li Darren Casha sar involut fil-More iżjed 'l quddiem. Jikkonferma li t-tmexxija tal-More Supermarkets kienet f'idejn Ryan Schembri, li kien jieħu d-deċiżjonijiet kollha u ċioe id-*day-to-day running*. Jgħid li hu ma tantx kellu involviment fil-More għax minħabba li ma tantx kien jifhem kien iħalli f'idejn Ryan Schembri. Jikkonferma li anke mas-suppliers kien ikollu x'jaqsam Ryan Schembri.

Mistoqsi jekk Ryan Schembri kellux negozji oħra, jgħid li kellu Cassar and Schembri u ma jiftakarx kienx hemm oħrajn.

Mistoqsi dwar ir-relazzjoni bejnu u bejn Ryan Schembri, jgħid li dak iż-żmien ir-relazzjoni kienet waħda tajba u kien jafdah. Jgħid li d-deċiżjoni dwar it-trasferiment tal-ishma kienet ukoll ta' Ryan Schembri. Jgħid li Ryan Schembri kien kellem lid-diretturi kollha u qalilhom li jeħtieġ li jgħaddu l-ishma lil Darren Casha u filfatt hu għamel dan mingħajr ma tħallas għax kien qed jaħseb li l-affarijiet ser jittranġaw. Jikkonferma li l-ishma qatt ma reġġgħu ġew lura għandu.

Jikkonferma li dwar id-dejn ma' Edmond Mugliette u Alexander Farrugia kien qagħad fuq il-kelma ta' Ryan Schembri. Jgħid li kienu riedu garanzija ta' flus li kienu selfu lil Ryan Schembri għall-proġett. Jikkonferma li qatt ma ra xi ftehim dwar dan is-self imma qagħad fuq li qallu Ryan Schembri u m'għamel l-ebda verifika. Jikkonferma li kien ilu direttur u azzjonist mill-bidu tal-More iżda qatt ma kien ta każ kellhomx jieħdu flus Mugliette u Farrugia.

Mistoqsi kienx jaf dwar il-Bond issue u l-inkarigu tal-KPMG f'dan ir-rigward jgħid li le.

Mistoqsi dwar kienx jaf lil Mugliette u lil Farrugia qabel ma kienx jarahom l-uffiċju ta' Ryan Schembri, jgħid li le. Jikkonferma li ma kinux impjegati tal-More. Jgħid li qatt ma prova jikkomunika magħhom rigward d-dejn. Jgħid li dakinhar tal-kuntratt hu kien jaf li għandhom jieħdu u li qed jagħmlu garanzija għall-istess dejn.

Mistoqsi jekk tħassibx meta n-Nutar qrat li Mugliette u Farrugia kellhom jieħdu għal ħaddieħor jgħid li ma jiftakarx li kien il-każ.

Mistoqsi għala ma telaqx mill-kumpanija qabel, jgħid li Ryan Schembri kien dejjem aċċertah li l-affarijiet kienu ser jittranġaw u hu kien jafdah. Jgħid li eventwalment irriżenja meta qata' qalbu għax l-affarijiet ma ġewx f'posthom.

Jikkonferma li dakinhar tal-kuntratt m'għaddew l-ebda flus.

F're-eżami jikkonferma li kien intavola proċeduri sabiex ikun hemm *recovery* tal-kumpanija taħt l-Att dwar il-Kumpaniji u kien oppona għall-imsemmija proċeduri Darren Casha stante li l-kumpanija ma kinitx vijabli u kien wara dan li rriżenja. Jgħid li kieku dakinhar tal-kuntratti kellu xi dubju, ċertament li ma kienx jiffirma.

Fix-xhieda tiegħu **Alfred Ferrante in rappreżentanza ta' BNF Bank plc** jgħid li bejn Lulju 2017 u Jannar 2018, il-Bank kien irċieva total ta' żewġ miljun u disgħa u sittin elf, sitt mija u ħamsa u erbgħin Ewro (€2,069,645) li minnhom miljun, tlett mija u ħamsa u sebgħin elf, tmien mija u ħamsa u

erbgħin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,375,845.89) ġew depożitati fil-kontijiet ta' Intera Holdings Limited u l-ammont ta' sitt mija u tlieta u disgħin elf, seba' mija u disgħa u disgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€693,799,51) ġew depożitati fil-kont ta' More Supermarkets (Hamrun) Ltd.

In kontro-eżami jgħid li d-depożiti saru minn Adrian Agius. Jispjega li qassmuhom huma sabiex l-ewwel nqattgħu l-kontijiet tal-Intera imbagħad il-kumplament marru f'tal-More Supermarkets (Hamrun) Ltd. Jispjega li dawn id-depożiti saru wara li Adrian Agius biegħ propjeta li kienet qed tagħmel tajjeb għall-Intera u More Supermarkets (Hamrun) Limited. Jgħid li Adrian Agius kien garanti fuq self għaż-żewġ kumpaniji.

**Ikkunsidrat ulerjorment:**

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Illi minn naħa tagħhom is-**soċjetajiet attriċi** jissottomettu li din il-kawża tattakka l-leġitimita` u l-validita` tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Claire Camilleri datat 20 ta' Ġunju 2014 li permezz tiegħu s-soċjetajiet attriċi kkostitwew ruħhom debituri tal-konvenut Alexander Farrugia għall-ammont ta' wieħed punt ħamsa miljun Ewro (€1,500,000), fejn is-soċjetajiet attriċi qeghdin jitolbu r-rexissjoni tal-istess kuntratt flimkien ma ħlas ta' danni.

Fir-rigward tal-Kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' debitu mertu tal-kawza, is-soċjetajiet attriċi jaċċennaw għas-segwenti fatti:

i. Li s-soċjetajiet attriċi deher għalihom il-konvenut Ryan Schembri (u Adrian Agius, fil-każ tal-Ħamrun) u kkostitwew ruħhom bħala debituri prinċipali flimkien mal-konvenuti Ryan Schembri u Cassar & Schembri (Marketing) Ltd;
ii. Li l-ammont allegatament misluf kien jirrappreżenta self *brevi manu*;
iii. Li parti mill-ammont ingħata lis-soċjetajiet attriċi, u d-debituri l-oħra, qabel ma sar il-kuntratt u l-bilanċ dakinhar tal-kuntratt;
iv. Li l-ammonti kif ingħataw mhumiex imfissra fil-kuntratt;
v. Li l-ammont li ngħata qabel ma sar il-kuntratt tħallas minn diversi kumpaniji kif delegati mill-kreditur, il-konvenut Alexander Farrugia;
vi. Li bħala garanzija saret kambjala tal-istess valur ffirmata mill-allegati debituri, u saret ukoll ipoteka ġenerali.

Jikkontendu primarjament li l-konvenut Alexander Farrugia ma seta' qatt jikkwalifika bħala debitur fuq l-kuntratt *de quo*. Isostnu li sabiex jikkwalifika bħala kreditur kellha tinġieb prova li l-kovenut verament għadda l-ammont in kwistjoni b'titolu ta' self. Primarjament, jemerġi b'mod ċar mill-provi li

Alexander Farrugia qatt ma kellu fil-pussess tiegħu l-ammont ta' flus in kwistjoni u l-ammont filfatt kien jappartjeni lil Abdul Raman. Oltre` minn hekk, isostnu li fejn l-ewwel miljun Ewro (€1,000,000) kienu għaddew lil Ryan Schembri tramite Alexander Farrugia, li kellu jibqa` garanti, u kienu ġejjin minn persuna mhux magħrufa tramite Abdul Raman u jirriżulta li t-tieni somma ta' ħames mitt elf Ewro (€500,000) għaddiet direttament bejn Abdul Raman u Ryan Schembri. Jikkontendu li x-xhieda ta' Alexander Farrugia f'dan ir-rigward hija waħda kontradittorja fejn f'mumenti jitkellem dwar self u f'mumenti jitkellem dwar investimenti. Isostnu wkoll li f'mumenti jgħid li kellu jkun garanti ta' Abdul Raman u f'waqtiet oħra jgħid li Abdul Raman silef il-flus lilu biex imbagħad hu għaddihom lil Ryan Schembri, mentri in kontro-eżami jgħid li hu qatt rċieva flus direttament.

Jikkontendu illi l-kreditur huwa dak li joffri l-ħwejjeġ tiegħu lid-debitur tiegħu u f'dan il-każ huwa ampjament ċar li l-flus allegatament mislufa ma kienux ta' Alexander Farrugia u hu qatt m'għadda flus lil Ryan Schembri u għalhekk ċertament li ma kienx jikkwalifika bħala kreditur u lanqas ma hemm xi ħaġa li turi li fil-kuntratt kien qiegħed jidher bħala mandatarju ta' terzi. Isostnu għalhekk li d-dikjarazzjoni kontenuta fil-kuntratt hija waħda falza. Oltre` minn hekk, huwa falz ukoll li ngħaddew xi flus dakinhar tal-kuntratt, kif ikkonfermat ukoll min-Nutar innifisha. Isostnu għalhekk li la darba l-kuntratt ma jgħdix il-verita`, l-kawżali tal-kuntratt impunjat huma foloz u fabbrikati.

Isostnu li lanqas huwa minnu li s-soċjetajiet attriċi ssellfu s-somma ta' flus *de quo*. Jgħidu li dan hu kkonfermat mix-xhieda billi fl-ebda mod xi ħadd mill-partijiet ma qal li dik is-somma flus għaddiet għand is-soċjetajiet attriċi, u kif ikkonfermat mill-persuna li kien jieħu ħsieb il-kontijiet tal-istess soċjetajiet attriċi, s-somma ta' flus *de quo* qatt ma dehret fil-kontijiet tal-istess soċjetajiet. Isostnu għalhekk li ċertament li s-soċjetajiet attriċi ma setgħux jitqiesu bħala debituri, iżda l-benefikanti propju kienu Ryan Schembri u Cassar & Schembri (Marketing) Limited.

Oltre` minn hekk, jgħidu li hu ċar mix-xhieda li d-dikjarazzjoni fil-kuntratt li għaddew xi flus dakinhar hija għal kollox falza stante li x-xhieda kollha jaqblu dwar dan u ma nġiebet ebda prova ta' trasferiment ta' fondi li saret dakinhar.

Jikkontendu li hemm dubju dwar is-self kif ddikjarat fil-kuntratt verament sarx u dana stante li ma nġiebet ebda prova li l-flus għaddew jew ġew irċevuti, anzi Etienne Cassar, fix-xhieda tiegħu xehed li ma jafx li Alexander Farrugia kien kreditur tas-soċjeta Cassar & Schembri (Marketing) Limited.

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar ir-rappreżentanza tal-kumpaniji, jsostnu li huwa paċifiku li fl-20 ta' Ġunju 2014, meta ġie ppubblikat il-kuntratt, Ryan Schembri u Adrian Agius kien għadhom diretturi tas-soċjeta attriċi More Supermarkets (Hamrun) Limited. Iżda huwa ampjament ċar li Ryan Schembri kien irriżenja mill-kariga ta' direttur tas-soċjetajiet l-oħra fis-7 ta' Ġunju 2014. Isostnu li f'dan

ir-rigward id-data relevanti hija dik tar-riżenja u mhux dik ta' meta tiġi sottomessa l-Formula K. Jgħidu għalhekk li ma seta' qatt jirrappreżenta lis-soċjetajiet attriċi l-oħra fuq il-kuntratt. Jikkontendu li l-fatt li għamel dan turi l-malizija ta' Ryan Schembri li irrekat dannu lis-soċjetajiet attriċi u tikkostitwixxi rappreżentanza falza fuq att pubbliku.

Oltre` minn hekk, jikkontendu li l-malizja tal-istess Ryan Schembri hija manifesta wkoll fil-fatt li ppreżenta lis-soċjetajiet attriċi bħala debituri prinċipali ta' dejn li kien jaf li m'għandhomx. Jikkontendu li fir-rigward tal-konvenut Adrian Agius li anke fl-aħjar ipotesi li dan safa` vittma tal-qerq ta' Ryan Schembri xorta jibqa` l-fatt li għamel rappreżentanza indebita billi ddikjara li s-soċjeta` kkonċernata kienet debitriċi ta' Alexander Farrugia.

Jikkontendu li in vista ta' dan, Alexander Farrugia u Ryan Schembri kienu l-artefiċi ta' ingann u ta' kuntratt li ma jirriflettix is-sewwa. Jiċċitaw l-**Artikolu 981 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u jagħmlu referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Vincenza Vassallo vs l-Arkitett u Inġinier Ċivili Edgar Caruana Montalto et noe** deċiża fit-23 t'Ottubru 2001. Jgħidu li fil-każ ta' soċjetajiet bħal dawk attriċi, jeħtieġ li jkun hemm id-diretturi jew ir-rappreżentanti legali tagħhom sabiex jaġixxu. F'dan il-każ, Ryan Schembri naqas, xjentement u bi skop, li jirrileva li huwa kien irriżenja minn direttur. Mill-banda l-oħra Alexander Farrugia kien ben sapevoli li l-flus in kwistjoni ma kinux tiegħu u fl-ebda waqt ma indika dan jew li d-debituri effettivi kienu Ryan Schembri u Cassar & Schembri (Marketing) Ltd. B'hekk is-soċjetajiet attriċi sfaw milquta b'dikjarazzjoni ta' dejn li qatt ma kien tagħhom u kkonċedew titolu eżekuttiv fil-konfront tiegħu.

Oltre` minn hekk, jikkontendu li b'referenza għall-**Artikolu 987 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-kuntratt kien magħmul fuq kawża falza jew illeċita u dana stante li mhux minnu li s-soċjetajiet attriċi huma debituri tal-konvenut Alexander Farrugia, mhux minnu li sselfu xi flus *brevi manu* mingħand l-istess u mhux minnu li sselfu xi flus mingħand ħaddieħor la qabel u lanqas dakinhar tal-kuntratt. B'referenza għad-deċiżjonijiet fl-ismijiet **Lawrence Farrugia vs Fedela Carabott[1], Vincenza Vassallo vs L-Arkitett u Inġinier Ċivili Edgar Caruana Montalto[2]** u **George Bonnici et vs Silvio Naudi[3]** jissottomettu li la darba hija ampjament pruvata il-falsita` tal-kawżali dikjarata fil-kuntratt li sa fejn din tolqot lis-soċjetajiet attriċi għandha ġġib l-effetti li l-kuntratt ma jiswiex fil-konfront tal-istess soċjetajiet attriċi.

Jissottomettu li in vista ta' dan kollu l-ewwel sitt talbiet tas-soċjetajiet attriċi għandhom jintlaqgħu, b'dan li l-kuntratt għandu jiġi rexiss imqar in parte sa fejn dan jolqot lis-soċjetajiet attriċi.

---

[1] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 2004

[2] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2001

[3] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju 2006

Jikkontendu li oltre` minn hekk, il-konvenuti għandhom jinżammu solidalment responsabbli għad-danni u f'dan ir-rigward jiċċittaw l-**Artikoli 1031, 1049 u 1047 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fir-rigward ta' Alexander Farrugia, ġie ampjament muri li l-aġir tiegħu kien malizzjuż u għalhekk irid jagħmel tajjeb għad-danni sofferti mis-soċjetajiet attriċi. L-istess jingħad fir-rigward tal-konvenut Ryan Schembri li mhuwiex estranju għall-kontroversji. Jissottomettu li m'għandu jkun hemm ebda dubju li l-konvenuti Alexander Farrugia u Ryan Schembri kkospiraw sabiex isir il-kuntratt *de quo* bil-falsijiet li dan jikkontjeni u għalhekk għandhom jinsabu responsabbli solidalment għad-danni kollha li soffrew is-soċjetajiet attriċi. Iżidu li huwa kurjuż kif il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv ma sarx fil-konfront tal-konvenut Ryan Schembri u s-soċjeta` konvenuta Cassar & Schembri (Marketing) Limited. Isostnu li dan il-mandat, flimkien mal-mandat ta' Edmond Mugliette, kellu effett devastanti fuq is-soċjetajiet attriċi li la darba dawn kienu *in vigore* ma setgħux iġibu ebda finanzjament u m'ingħatawx iċ-ċans li jsibu ftehim mal-Enemalta.

Iżidu li l-ħarba ta' Ryan Schembri minn Malta u l-pubblicita` li segwiet m'għenux. Dan kollu kellu *domino effect* fejn il-kredituri kollha talbu l-ħlas f'salt u s-soċjetajiet attriċi ma setgħux ikampaw. B'hekk is-soċjetajiet attriċi qegħdin jitolbu mhux biss ħlas ta' danni fattwali iżda wkoll danni li jirrappreżantaw telf ta' qliegħ futuri. F'dak li jirrigwarda danni fattwali, s-soċjetajiet attriċi jelenkaw numru ta' sentenzi li jammontaw għal danni attwali ta' miljun, tlett mija u erbgħin elf, erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€1,340,465.77) kif ukoll jelenkaw numru ta' proċeduri pendenti b'danni prospettivi ta' tmien mija u sebgħa u sittin elf, erba' mija u sitta u tletin Ewro u għaxar ċenteżmi (€867,436.10).

Illi minn naħa tiegħu l-konvenut **Alexander Farrugia** jikkontendi li sabiex azzjoni tirnexxi taħt l-**Artikolu 987 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** irid jiġi ppruvat minn minn jallega li l-kuntratt soġġett tal-kawża ma jirriflettix ir-realta` tas-sitwazzjoni bejn il-partijiet kontraenti. Isostni li huwa ampjament pruvat mix-xhieda li s-somma flus in kwistjoni għaddiet bħala self bejn il-partijiet u ċioe` li hu kien jissellef il-flus mingħand Abdul Rahman u jgħaddihom lil Ryan Schembri bħala rappreżentant ta' Cassar & Schembri (Marketing) Ltd u kif ukoll ta' More Supermarkets. Isostni li d-dejn kien wieħed ċert u filfatt dwaru diġa kienu saru *business exchanges*. Oltre` minn hekk, ix-xhieda ta' Michael Azzopardi titfa` dawl fuq il-fatt li dakinhar tal-kuntratt il-partijiet kollha preżenti qabblu dwar l-eżistenza tal-istess dejn. Jikkontendi li mill-qari tal-kuntratt huwa ċar li kien qed jaġixxi f'isem terzi stante l-frażi "*..a favur tal-kreditur nomine...".* Jissottometti li la darba r-rappreżentanti tal-*More Supermarkets* aċċettaw li jkunu parti mill-kuntratt, huma għarrfu lil Alexander Farrugia bħala

kreditur tagħhom. In vista ta dan kollu, jissottometti li l-kawżali tal-kuntratt *de quo* kienet reali u tirrifletti r-rieda tal-partijiet.

Fir-rigward tal-allegazzjonijiet attriċi ta' frodi u qerq da parti tal-konvenuti jissottometti li fil-każ tas-soċjeta` More Supermarkets (Hamrun) Limited huwa evidenti li Ryan Schembri u Adrian Agius kellhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa dakinhar tal-kuntratt sabiex jirrappreżentaw din is-soċjeta. Oltre minn hekk, la darba r-reġistrazzjoni tal-Formula K fir-rigward tat-tibdil tad-direttur fis-soċjetajiet l-oħra dakinhar tal-kuntratt kienet għadha ma seħħitx, mela allura ma kien hemm l-ebda mod li Alexander Farrugia seta' jkun jaf bil-biddla għax kienet għadha mhux magħrufa mal-pubbliku. Barra minn hekk, jgħid li meta sar it-trasferiment ta' flus, Ryan Schembri kienu għadu effettivament u fattwalment direttur tas-soċjetajiet u għalhekk is-soċjetajiet attriċi għandhom l-obbligu li jonoraw tali dejn. In sosten ta' dan jiċċita mill-ktieb **"Protection of Outsiders" Charlesworth & Cain – Company Law 12th Edition** u kif ukoll is-sentenza rapport **"Royal British Bank vs Tuquand"** kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani fl-ismijiet **Borg vs Camilleri** deċiża fis-7 t'April 1997, **Dr Anthony H Farrugia nomine vs Vernie nomine** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 2001 u **Deirdre Cachia et vs Gaba Diamonds Company Limited** deċiża fit-28 ta' Novembru 2003. Oltre minn hekk, isostni li l-bidla fid-diretturi kienet waħda għal fini biss tad-dehra minħabba li Ryan Schembri baqa` effettivament imexxi l-kumpaniji u l-bidla kienet biss waħda temporanja.

B'referenza għall-**Artikolu 981 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u b'referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Mifsud noe vs Paul Tanti** deċiża fl-4 ta' Frar 1965, isostni li l-parti li qed tallega l-qerq fil-kawża odjerna hija l-istess parti li minnha stess twettaq l-allegat għemil doluż u dana stante li kienu s-soċjetajiet attriċi stess li għażlu li jibgħatu lil Ryan Schembri fuq il-kuntratt meta kienu jafu li m'għandux rappreżentanza. Jgħid li jemerġi b'mod ċar li Alexander Farrugia ma wettaq l-ebda għemil doluż li permezz tiegħu vvizzja l-kunsens tas-soċjetajiet attriċi. Jissottomettu, b'referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **P.L. Joseph Zammit noe et vs Joseph Fenech**, deċiża fl-4 ta' Marzu 2004, li l-ingann kommess minn Ryan Schembri fuq Adrian Agius mhuwiex biżżejjed sabiex tirnexxi l-azzjoni, stante li dan kellu kull opportunita` sabiex jivverifika l-fatti.

Fir-rigward tat-talba tas-soċjetajiet attriċi għad-danni jgħid li jrid jiġi ppruvat li hemm *casual link* bejn l-azzjoni tal-konvenut u d-dannu allegat sabiex wieħed jinsab responsabbli għad-danni. Jissottometti li l-problemi finanzjarji fin-negozju tas-soċjetajiet attriċi kienu preżenti minn qabel il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fis-17 ta' Ottubru 2014 u filfatt l-Enemalta kienet diġa` qagħtet il-provista` tad-dawl f'wieħed mill-istabilimenti. Jgħid li r-raġuni għala ma setgħux isibu finanzjar kienet il-pubbliċita` tal-fatt li Ryan Schembri kien ħarab minn Malta. Iżid ma' dan il-fatt li kienu nfetħu wisq stabbilimenti f'daqqa.

Jissottometti li dan kollu kien seħħ qabel mal-konvenut Alexander Farrugia u Edmond Mugliette intavolaw il-Mandati rispettivi. Barra minn hekk, il-flus kollha li jidħlu mill-istabbilimenti kienu jmorru kollha fil-kontijiet ta' Erom Trading Limited li ma kinitx maqbuda bis-sekwestru. Jgħid li hu ma gawda l-ebda benefiċċju mill-imsemmi Mandat stante li ma kien hemm xejn depożitat f'isem il-kumpaniji. Oltre` minn hekk, isostni li hu m'għandu x'jaqsam xejn mal-kawżi ċitati mis-soċjetajiet attriċi bħala prova tad-danni minnhom soffert. B'hekk jissottometti li l-*casual link* bejn id-dannu kkaġunat u l-azzjonijiet tiegħu ma teżistix.

Minn naħa tiegħu l-**konvenut Adrian Agius** primarjament jgħid li kif jirriżulta assodat mill-atti hu kien direttur biss tal-More Supermarkets (Hamrun) Limited u b'hekk mhux il-leġittimu kontradittur in kwantu għat-talbiet tas-soċjetajiet attriċi l-oħra.

Fit-tieni lok jissottometti li s-soċjeta' D. More Holdings Limited ma tirrafigura bl-ebda mod fil-kostituzzjoni ta' debitu u ma kellha bl-ebda mod tkun parti f'din il-kawża għaliex kull soċjeta' tgawdi minn personalita` ġuridika distinta u indipendenti minn dik tal-azzjonisti tagħha. B'referenza għad-deċiżjoni Ingliża **Foss vs Harbottle** u għad-deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani fl-ismijiet **Ingrid Fiorini vs Anna Zerafa et**[4] u **Martin Bonello Cole vs Kenneth Cole**[5] jgħid li kwalunkwe azzjoni ta' kumpanija li sofriet telf tista` ssir mill-kumpanija biss u mhux mill-azzjonisti tagħha. Jiċċita wkoll f'dan ir-rigward l-artikolu **1045(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Isostni għalhekk li D. More Holdings Limited ma soffriet l-ebda danni direttament u ma kienx hemm il-bżonn il-presenza tagħha f'din il-kawża għaliex is-soċjetajiet attriċi l-oħrajn setgħu jaġixxu waħedhom.

Jikkontendi li mhux minnu li hu ma kellux l-jedd li jirrappreżenta lil More Supermarkets (Hamrun) Limited fuq il-kuntratt *de quo* u dana stante li kien għadu direttur, kien in konformi mal-Memorandum u l-Artikoli tal-Assoċċjazzjoni tal-istess soċjeta u li r-riżoluzzjoni datata 11 ta' Ġunju 2014 li kienet tistipola li ried ikun hemm l-approvazzjoni tal-*General Meeting* biex ikunu jistgħu jiffirmaw ma tirriżulta mkien mill-provi u kieku stess teżisti qatt ma nġiebet a konoxxenza tal-konvenut Adrian Agius.

Jissottometti li hu qatt ma kellu interess personali fil-kuntratt *de quo* u deher fuqu in *buone fede* bħala direttur tas-soċjeta attriċi u għalhekk jekk kemm -il darba s-soċjetajiet attriċi jippruvaw l-allegazzjonijiet tagħhom u m'għandu l-ebda interess jopponi għal dan.

---

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-13 ta' Mejju 2022

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru 2001

Jissottometti li l-allegazzjonijiet ta' frodi u qerq fil-konfront tiegħu ċertament li ma jsibu l-ebda bażi u dana stante li la darba hu kien l-uniku wieħed li rabat l-assi tiegħu (u t'ommu) mas-suċċess tas-supermarkets, ċertament li ma kellux l-ebda interess li jxekkel l-istess suċċess u ċertament li ma kellux interess li jivvaforixxi l-interessi ta' ħaddieħor a skapitu tiegħu nnifsu stess. Jgħid li fl-aħħar mill-aħħar hu kellu jbigħ diversi propjetajiet u ħallas ċirka żewġ miljun Ewro (€2,000,000) f'dejn – ħaġa li ħadd mill-partijiet l-oħra ma kellu jagħmel. Isostni li dan ġie anke rikonoxxut mis-soċjetajiet attriċi nnifishom fis-sottomissjonijiet tagħhom u wkoll fil-fatt li kwereli fil-konfront tiegħu qatt ma ġew sottomessi. B'hekk jikkontendi li m'għandu jinstab responsabbli għall-ħlas tal-ebda danni. Barra minn hekk jgħid, li ċertament hu ma għamel l-ebda azzjoni li tista' tiġi interpretata bħala waħda li tammonta għal ness ta' kawżalita bejnu u d-danni allegatament sofferti mis-soċjetajiet attriċi, u dana stante li l-fatt waħdu li sar il-kuntratt *de quo* ma wassalx għall-għeluq tas-supermarkets. Jgħid li Alexander Farrugia, mingħajr il-kuntratt *de quo* xorta seta' aġixxa permezz ta' mandat kawtelatorju. Jgħid ukoll li kien hemm fatturi oħra li waslu sabiex is-supermarkets għalqu għal liema fatturi hu mhux responsabbli.

Jikkontendi li bl-aġir tagħhom is-soċjetajiet attriċi mhux talli ma imminimizzawx id-danni talli addirittura kkontribixxew għalih u dana stante li sar tibdil fil-ġestjoni tas-soċjetajiet bi preġudizzju għall-operat. Jirreferi partikolarment għall-fatt li nħolqot Erom Trading Limited u l-introjtu tas-supermarkets beda jmur kollu fiha bir-riżultat li ma kienx hemm minn fejn jitħallsu l-pagi tal-ħaddiema li kienu impjegati ma' More Supermarkets (Hamrun) Limited. Jgħid li dan l-aġir ċertament ma jistax jiġi attribwit lilu.

Fir-rigward tal-prova tad-danni miġjuba mis-soċjetajiet attriċi b'referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Avukat Dottor Tonio Azzopardi vs Olaf Cini**[6] jgħid li l-prova mhix waħda suffiċjenti u dana stante li l-ammonti ċitati huma djun leġittimi tas-soċjetajiet attriċi. Jissottometti li s-soċjetajiet attriċi ma jistgħux jippretendu li d-djun tagħhom li huma sa llum ma ħallsux jitħallsu minn ħaddieħor. Oltre minn hekk, jgħid li l-figuri mhumiex preċiżi u dana partikolarment fir-rigward tas-somma dovuta lil BNF Bank stante li parti sostanzjali mis-somma li kienet dovuta lill-istess bank tħallset mill-konvenut Adrian Agius innifsu.

Jissottometti li l-mandati in kwistjoni ma qabbdu ebda flus mill-kontijiet tas-soċjetajiet attriċi għax dawn ma kien fihom xejn. Jgħid li għalhekk ċertament li ma kinux il-mandati li rrendew is-soċjetajiet attriċi f'sitwazzjoni fejn ma setgħux joperaw, infatti l-istabilliment tal-Ħamrun kien sfaxxa bla provvista t'elettriku qabel ma ntalbu l-mandati. Jissottometti li m'hemm xejn x'jindika li Darren Casha seta' verament jikkalma l-kredituri li kieku ma ħariġx il-mandat

[6] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 t'Ottubru 2003

għax il-kawża vera ta' li ġara kien x-xandir fil-gazzetti tal-għejbien ta' Ryan Schembri minn Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti l-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi l-ewwel dwar l-eċċezzjonijiet preliminari imqajma mill-konvenuti fir-risposti tagħhom:

**L-eċċezzjoni dwar l-ittirwalita' tad-domandi hekk kif mressqa fir-rikors ġuramentat**

Illi fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut Alexander Farrugia qieghed jeccepixxi li l-azzjoni hija nulla minhabba l-irritwalita' tat-talbiet hekk kif imressqa fir-rikors guramentat.

Il-Qorti tinnota li minkejja din l-eccezzjoni, fl-atti ma jirrizultax illi ressaq xi provi, u lanqas għamel l-iċken aċċenn fin-nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward.

**Il-Qorti fliet kemm il-premessi, kif ukoll it-talbiet, u tinnota li effettivament m'hemm xejn li jista' jwassal sabiex jiġi ddikjarat li t-talbiet huma irritwali. Ikkunsidrat li min jallega jrid jipprova u fil-każ odjern il-konvenut Alexander Farrugia ma ressaq xejn li juri li effettivament hemm l-irritwalita' tat-talbiet, u ghalhekk din il-Qorti ser tgħaddi sabiex ticħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Alexander Farrugia.**

**L-eċċezzjoni li l-konvenut Adrian Agius m'huwiex il-leġittimu kontradittur ħlief fir-rigward tal-pretensjonijiet tas-soċjeta' More Supermarkets (Hamrun) Limited**

Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut Adrian Agius jikkontendi li mhuwiex il-leġittimu kontradittur in kwantu għat-talbiet attriċi li jirreferu għal More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd.

Jirriżulta li huwa paċifiku fost il-partijiet u bl-ebda mod kontradett li l-konvenut Adrian Agius kellu x'jaqsam unikament mas-soċjeta` More Supermarkets (Hamrun) Limited u dana stante li kien direttur tal-istess soċjeta`.

**La darba ma nġiebet ebda prova kontrarja, anzi l-provi saħansitra juru li qatt ma kellu involviment fl-ebda waħda mis-soċjetajiet attriċi l-oħrajn, din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa` l-ewwel eċċezzjoni kif dedotta mill-konvenut Adrian Agius.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Qabel ma tgħaddi sabiex tikkunsidra u tiddeċiedi dwar il-mertu, il-Qorti tħoss li huwa opportun li in vista tal-fatti u s-sottomissjonijiet imressqa f'dan il-kawża tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Fl-ewwel lok il-Qorti tibda biex tosserva li s-soċjeta' Cassar and Schembri (Marketing) Limited kienet għal kollox nieqsa minn dawn il-proċeduri u għalkemm ġiet debitament notifikata bir-rikors ġuramentat fid-19 ta' Novembru 2013 (ara tergo ta' fol 9), hi naqqset milli tressaq risposta ġuramentata u għalhekk hija kontumaċi f'dawn il-proċeduri. Tosserva li kien biss fl-aħħar stadji tal-kawża li s-soċjeta' kienet rappreżentata mill-istralċjarju, iżda anke f'dan l-istadju naqqset milli tressaq is-sottomissjonijiet tagħha.

2. Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li jirrizulta illi kien hemm aġir u prattika hekk msejjha 'kummercjali', partikolarment da parti tal-konvenut Ryan Schembri u ta' Darren Casha, li ma jimmerita l-ebda tifħir u huwa ferm suspettuz, u ċioe` l-fatt li, kif kkonfermat minn numru ta' xhieda, it-tibdil fix-*shareholding* tas-soċjetajiet attriċi tal-More Supermarkets sar bħala **paraventu sabiex is-soċjetajiet attriċi ma jinqabdux f'investigazzjoni dwar ħasil ta' flus li kienet qed issir fil-konfront tal-konvenut Ryan Schembri** fil-Kroazja, bl-intiża li meta jgħaddi kollox jerġa' jiġi kollox kif kien. Saħansitra jemerġi mix-xhieda li Ryan Schembri baqa' jmexxi kollox hu mingħajr ma kellu kariga uffiċjali fi tlieta minn erba' *supermarkets*.

3. Fit-tielet lok, mix-xhieda ta' Alexander Farrugia jemerġi li kien sar skambjament ta' flus (li jammontaw għal miljun Ewro (€1,000,000)) fuq l-idejn ġewwa l-Libja li eventwalment iddaħħlu Malta taħt il-pretiża li kienu ġejjin minn kuntratt ta' xogħol fil-Libja**. Din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tapprova tali transazzjonijiet suspettuzi** speċjalment in vista tal-fatt li bl-ebda mod ma jemerġi mix-xhieda li tali flus kienu koperti b'xi tip ta' ftehim jew permess jew huma mod iehor *accounted for* fil-kotba tal-kumpannija, iżda addirittura l-Qorti tingħata l-impressjoni li tali somom ta' flus għaddew kontanti fuq l-idejn.

   **B'hekk din il-Qorti ser tkun qed tordna l-komunika ta' din is-sentenza lill-Financial Intellegence Analysis Unit (FIAU) sabiex jekk jidhrilha opportun u li huwa l-kaz, taghmel l-investigazzjonijiet taghha skond il-ligi.**

4. Fir-raba' lok, mix-xhieda, anke mix-xhieda tan-Nutar Claire Camilleri nnifisha, jemeġi ċar li l-kuntratt *de quo* jinkludi dikjarazzjoni li tħallset somma flus quddiem l-istess Nutar – dikjarazzjoni li jirrizulta illi ma hix veritieri. Il-Qorti ma tistax ma tiġbidx l-attenzjoni u tfakkar li **Nutar huwa uffiċjal pubbliku li ghandu jaspira l-fiduċja ta' kwalunkwe persuna li tidher quddiemu kif ukoll tal-istat innifsu.** Il-Qorti tfakkar li atti bħal dawn jservu biss sabiex jiskreditaw u jħammġu l-professjoni notarili li ċertament li ma jixirqiliex hekk. Il-Qorti tfakkar illi l-Artiklu 11(1) tal-KAP 55 *tal-Ligijiet* ta' Malta li jirregola l-professjoni Notarili jghid proprju hekk:

   > *In-nutar jista' fid-diskrezzjoni tiegħu, u mingħajrġustifikazzjoni, jirrifjuta li jagħti s-servizzi tiegħu jew jitterminakwalunkwe ingaġġ għas-servizzi tiegħu u ma jkunx meħtieġ lijikkunsidra l-effett jew konsegwenza ta' tali rifjut*

   Il-Qorti tqis illi kull Nutar ghandu juza d-diskrezzjoni moghtija lilu/lilha bil-ligi bl-ahjar mod u bl-aktar mod responsabbli u jerfa'/terfa' r-responsabbilita' ta' kull decizjoni li jiehu/tiehu.

   **B'hekk din il-Qorti ser tkun qed tordna l-komunika ta' din is-sentenza lill-President tal-Kunsill Notarili sabiex l-istess Kunsill jieħu kwalunkwe mizuri li jidhirlu xierqa.**

5. Fil-ħames lok, mix-xhieda ta' Alexander Farrugia, u fil-kawża konnessa, dik ta' Edmond Mugliette, hemm allegazzjoni li ċertu assi li kellha l-kumpanija Cassar and Schembri (Marketing) Ltd ġew trasferiti fuq is-soċjetajiet attriċi bl-intenzjoni li jinġieb *VAT Refund* li kien jammonta għal madwar tlett mitt elf Ewro (€300,000). Din il-Qorti tqis dawn it-tip t'allegazzjonijiet b'mod serju ħafna.

   **B'hekk, din il-Qorti ser tkun qed tordna l-komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tat-Taxxi u lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiġu investigati tali l-allegazzjonijiet u jittiehdu l-passi skond il-ligi jekk ihossu l-kaz.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tikkunsidra u tiddeċiedi dwar il-mertu. Il-Qorti tqis li hemm diversi fatturi li trid teżamina b'dettal u b'reqqa li jikkonsistu fis-segwenti:

1. Ir-rappreżentenza tas-soċjetajiet attriċi (b'esklussjoni tas-soċjeta' D. More Holdings Ltd) fuq il-kuntratt tal-Kostituzzjonu ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014;
2. L-għemil doluż tal-partijiet kontraenti;
3. Il-kawzali tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Gunju 2014.

## Ir-rappreżentanza tas-soċjetajiet attriċi fuq il-kuntratt tal-Kostituzzjoni ta' Debitu tal-20 ta' Ġunju 2014

L-ewwel kunsiderazzjoni li jeħtieġ tagħmel din il-Qorti hi dwar ir-rappreżentanza tas-soċjetajiet attriċi fuq l-kuntratt *de quo.* Jirriżulta bħala fatt li l-kumpaniji kienu rappreżentanti fuq il-kuntratt tal-20 ta' Gunju 2014 minn Ryan Schembri bħala direttur tal-istess kumpaniji. Jirriżulta bħala fatt ukoll li Ryan Schembri, fir-rigward tal-istess kumpaniji, ħlief għas-soċjeta More Supermarkets (Hamrun) Limited, kien irriżenja mill-istess kariga fis-7 ta' Ġunju 2014. Jirriżulta wkoll li sa dakinhar, it-tibdil fir-Reġistru tal-Kumpaniji kien għadu ma ġiex reġistrat u fil-fatt il-FORMs K relattivi ġew sottomessi fl-24 ta' Ġunju 2014, u ċioe erbat' ijiem wara l-kuntratt.

B'hekk il-kwistjoni li jeħtieġ teżamina u tiddeċiedi dwarha din il-Qorti hi appuntu x'jiġri u min għandu r-rappreżentanza tal-kumpaniji f'dak il-perjodu bejn meta ttieħdet id-deċiżjoni u effettivament inbidel id-direttur sakemm tali bidla tiġi reġistrata mar-Reġsitratur tal-Kumpaniji.

L-artikolu **146 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta** fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-Formula K jgħid testwalment hekk:

> ***146**.(1) Kull kumpanija għandha tibgħat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni prospett li juri kull tibdil fost id-diretturi tagħha, is-segretarju tagħha jew fir-rappreżentanza tal-kumpanija, li juri d-data tat-tibdil, flimkien mal-isem u r-residenza jew l-isem, uffiċċju reġistrat u numru ta' reġistrazzjoni, skont il-każ, ta' kull direttur ġdid jew segretarju tal-kumpanija ġdid, fi żmien erbatax-il jum minn dik il-bidla:*
>
> *Iżda r-Reġistratur jista', qabel ma jirreġistra l-prospett, jieħu dawk il-passi u jitlob dak it-tagħrif li jkun meħtieġ biex jiżgura l-korrettezza tal-prospett u biex jistabbilixxi jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux tħarsu.*
>
> *(2) Fin-nuqqas tat-tħaris tas-subartikolu (1), kull uffiċjal tal-kumpanija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum limatulu jkompli n-nuqqas, penali oħra*

Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Cutajar** deċiża fil-11 ta' Frar 2013, fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *Mill-artikolu 146 tal-Kap 386, jekk jittieħed flimkien mal-Avviż Legali 101 tal-1996, huwa dmir tal-Kumpanija reġistrata li tgħarraf lir-Reġistratur tal-Kumpaniji li kien hemm bdil fl-ismijiet tad-Diretturi. Biss il-Qrati tagħna dejjem imxew mal-prinċipju li.sakemm ma jidhirx mod ieħor, min jidher ismu fuq il-Memorandum and Articles of Association huwa direttur. Fil-fatt hekk qalet il-Qorti fis-sentenza tagħha* ***P.L. Adrian Borg noe vs Alfred Fenech et*** *deċiża fl-14 ta' Novembru 2002:*
>
> *'Hu risaput li, vis-a -vis it-terz, ir-rappresentanza ta' kumpanija hija vestita f'dawk il-persuni imsemmija fil-Memorandum of Articles tal-kumpanija. Il-kwistjoni tar-rizenja ta' xi direttur li ma tkunx giet reġistrata, irid jarha hu mar-Registratur tal-Kumpanniji, pero', din mhix kwistjoni li ser teffettwa kawza li tkun imxiet tajjeb kontra d-diretturi kif kienu jidhru fl-atti reġistrati tas-socjeta[7]'.'*

Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-insenjament tagħha fid-deċiżjoni tagħha, diversament preseduta fl-ismijiet **P.L. Adrian Borg noe vs Alfred Fenech et** deċiża fl-14 ta' Novembru 2002.

> *Il-kwistjonijiet interni li setghu kienu jezistu dak iz-zmien bejn l-ahwa Fenech huma wkoll irrilevanti ghas-soluzzjoni ta' din il-materja, ghax kif osservat din il-Qorti, in sostenn ta' principju legali Ingliz, fil-kawza "Borg vs Camilleri" deciza fis-7 ta' April, 1997, "If the outsider is dealing with the company in good faith, he will be able to enforce any contract made by an agent on the company's behalf, if that agent was acting within his authority, irrespective of any internal or external irregularities in the company's machinery. An agent may bind his principal if he has acted within his actual, implied or apparent authority".*

[7] *Il-konvenut Michael A. Fenech jirrileva illi huwa kien irrezenja minn direttur f'Ottubru tal-1992, pero', kif jammetti hu stess, din ir-rizenja tieghu ma gietx registrata mir-Registratur tal-Kumpaniji. Intqal hafna fuq dan innuqqas o meno tar-Registratur li jirregistra din ir-rizenja, pero, il-fatt jibqa' li din ir-rizenja ma gietx registrata, u t-terz, li jrid jidderigi ruhu minn dak biss li jirrizulta mill-Memorandum and Articles of Association kif jinsabu fir-Registru tal-Kumpaniji ma kienx avzat b'dik ir-rizenja, u, kwindi, seta' legalment ikompli jharrek lil Alfred Fenech u lil Michael A. Fenech li baqghu jidhru bhala rrappresentanti legali tal-kumpanija Fenech Estates Limited.*

F'dan ir-rigward **Prof. Andrew Muscat** fil-ktieb tiegħu "Principles of Maltese Company Law" jgħid is-segwenti :-

> *"The Court of Appeal appears to have however implied that unless the termination of office of a director results from the memorandum or articles of association, then the termination is not effective until the Form K is registered. <u>Such an approach would, it is submitted, be incorrect.</u> Both the Commercial Partnerships Ordinance and the Companies' Act impose an obligation on a company to make a return of any change amongst its directors. The obligation is clearly to notify the Registrar of the change that has occurred. Indeed, the Form K should specify the "date of the change" and it should be filed within fourteen days "from the happening thereof". The consequence for non-filing or late filing is a penalty. <u>Nowhere does the law state or imply that the change amongst directors is not effective until the change has been registered.</u> Indeed, to subject the effectiveness of the termination of the office of a director to the delivery of the formal notice to the Registrar would lead to anomalous and unacceptable situations. For example, a director who resigns from office would continue to be regarded as a director at law until the company files the Form K. Or persons appointed as directors (say at any annual general meeting) would not be able to act as directors until the company formally notifies the Registrar of Companies of the replacement – and, in the meantime, those directors who would have retired at the end of the annual general meeting would be deemed to have continued in office!"*

Il-Qorti zzid tghid illi l-Artikolu 136(3) ta-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta tghid car illi "*n-negozju ta' kumpanija jitmexxa mid-diretturi li jistgħu jeżerċitaw dawk is-setgħat kollha tal-kumpanija"* – u allura tajjeb illi jigi identifikat min seta' jmexxi is-setghat tal-kumpannija.

Applikat dan, għalkemm din il-Qorti taqbel fil-prinċipju mal-Profs. Andrew Muscat fis-sens illi bidla fid-diretturi ta' kumpannija ghandha tinghata effett immedjat, din il-Qorti pero` trid tmur oltre` minn dan u tikkunsidra l-posizzjoni ta' terzi vis-a-vis l-obbligi tal-kumpanija fil-perjodu minn meta tkun seħħet il-bidla effettiva għal meta tiġi reġistrata. Din il-Qorti ċertament ma tistax tippermetti sitwazzjoni fejn terz, li ma jafx l-affarijiet interni ta' kumpanija, jiġi ppreġudikat f'dak il-perjodu ta' żmien – qasir kemm hu qasir, twil kemm ikun twil anke jekk il-ligi tistipula l-perjodu taghha.

Jirriżulta li kemm in-Nutar Claire Camilleri u kemm Edmond Mugliette għamlu l-verifiki kollha li setgħu jagħmlu fl-20 ta' Ġunju 2014 sabiex jivverifikaw li Ryan Schembri kien il-persuna idonea sabiex jirrappreżenta lill-kumpaniji

attriċi fuq il-Kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu, u ċioe` kkonsultaw ir-Reġistru tal-Kumpaniji, li llum jipprovdi servizz konvenjenti *online* minn fejn wieħed jista' jagħmel il-verifiki tiegħu mingħajr dewmien u li kull bidla tiġi reġistrata fih immedjatament. Ma kien hemm ebda verifika oħra possibli li setgħu jagħmlu u b'hekk ċertament li kwalunkwe drittijiet ta' terz m'għandhomx jiġu ppreġudikati minħabba t-tibdil intern li sar fil-kumpaniji li **kien għadu mhux pubblikament magħruf**.

Kwindi din il-Qorti ma tistax tiddikjara l-effetti tal-kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu bħala invalidi vis-a-vis is-soċjetajiet More Supermarkets (P'Ville) Ltd, More Supermarkets (Mosta) Ltd u More Supermarkets (Fgura) Ltd unikament minħabba r-rappreżentanza żbaljata kif jirrizultaw il-fatti f'dan il-kaz.

Minkejja dan, ma hemm l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li Ryan Schembri nnifsu kien konsapevoli li fil-mument li ġie ffirmat il-kuntratt *de quo* hu ma kienx għadu direttur u rappreżentant legali tas-soċjetajiet *de quo* u l-Qorti ser tkun qed tagħmel tali konsiderazzjoni iktar 'l quddiem meta tasal għall-eżami tagħha tal-allegat għemil doluż wara l-kuntratt.

Fir-rigward tal-More Supermarkets (Hamrun) Limited, jirriżulta li dakinhar tal-kuntratt *de quo,* kemm Ryan Schembri u kif ukoll Adrian Agius kien għadhom diretturi tal-istess soċjeta`. Fir-rikors ġuramentat is-soċjetajiet attriċi jgħidu li Ryan Schembri u Adrian Agius ma kienux awtorizzati jidhru fuq l-imsemmi kuntratt minħabba riżoluzzjoni li ttieħdet fil-11 ta' Ġunju 2014 fejn ġie riżolt li l-kumpanija ma setgħatx tidħol f'obbligazzjonijiet kuntrattwali mingħajr l-approvazzjoni tal-Laqgħa Ġenerali. Minkejja dan, tali riżoluzzjoni ma tirriżultax mill-provi u għalhekk ma tistax titqies minn din il-Qorti. B'hekk jirriżulta li s-soċjeta' More Supermarkets (Hamrun) Ltd kienet debitament rappreżentanta ai termini tal-Memorandum and Articles of Assocation tal-istess soċjeta'. Isegwi għalhekk, li f'dan il-każ ma tirriżultax rappreżentazzjoni żbaljata.

## <u>L-għemli doluż tal-partijiet kontraenti</u>

Is-soċjetajiet attriċi jikkontendu li l-kuntratt *de quo* sar b'għemil doluż li jrendi l-kuntratt bħala wieħed null. F'dan ir-rigward il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, fl-10 ta' Gunju 1965, fl-ismijiet **Emmanuele Calleja vs Joseph Grech** (Vol. XLIX.ii.955) fejn ingħad:

> *"id-differenza hi cara in kwantu fin-nullita` l-kuntratt ma jkun qatt ezista, fir-rexissjoni l-kuntratt, ghalkemm validu, ikun difettuz u ghalhekk annullabbli, mentri fir-rizoluzzjoni l-kuntratt ikun perfett imma semplicement soggett ghax-xoljiment fil-kaz li xi wahda mill-partijiet ma tissoddisfax l-obbligazzjoni taghha".*

F'dan il-każ, is-soċjetajiet attriċi jiċċitaw l-artikolu **981 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:

> ***981***.*(1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*
>
> *(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.*

Il-Qorti tirreferi għad-deċiżjoni tagħha, diversament preseduta, fl-ismijiet **Vincenza Vassallo vs L-Arkitett u Inġinier Ċivili Edgar Caruana Montalto et noe** deċiża fit-23 t'Ottubru 2001, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Il-fattur ta' qerq jipprovdi ghalih l-artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Dicembru 1919, Vol. XXIV.i.203 fl-ismijiet **Innocenzo Galea vs M. Zammit**, gew insenjati l-principji kardinali fir-rigward tad-dolo f'materja civili. Dawn kienu s-segwenti:*
>
> *(a) li l-inganni kienu l-kawza determinanti li taw lok ghall-ftehim (**Teresa Galea vs Salvatore Bonnici** Vol. X.592 u **Alice Cassar Torreggiani vs Albert R. Manche** App. Civ. 17 ta' Marzu 1958, Vol. XLII.i.126);*
>
> *(b) l-ezistenza ta' element specifiku kostitwit mill-ingann uzat (**Giovanni Farrugia Gay vs Emmanuele Farrugia Gay** Prim'Awla, 3 ta' Mejju, 1921, Vol. XXIV.ii.578);*
>
> *(c) in-necessita' tal-prova tad-dolo jew frode minn min jallegah (**Joseph Mifsud noe vs Paul Tanti** , Prim'Awla, 4 ta'Frar 1965, Vol. XLIX.ii.722, **Joseph Galea et vs AIC Walter Caruana Montaldo** Appell Civili, 14 ta' Mejju 1971)"*

Jirriżulta mix-xhieda u mill-provi mressqa li l-ħaġa li kellhom in komuni l-partijiet kollha, kienet bla dubju l-fiduċja fil-konvenut Ryan Schembri. Kif diġa` ritenut aktar 'il fuq, in-Nutar Claire Camilleri u Edmond Mugliette għamlu l-unika verifiki li setgħu jagħmlu sabiex ikunu ċerti li Ryan Schembri kien għadu vestit bir-rappreżentazzjoni legali tas-soċjetajiet attriċi. Kif diġa' ritenut ukoll, ma hemmx dubju f'moħħ din il-Qorti li Ryan Schembri kien jaf tajjeb li fil-fatt ma kienx għadu vestit b'din ir-rappreżentazzjoni, iżda xorta waħda deher fuq l-att u għamel ta bir-ruħu li ma kien inbidel xejn. Jirriżulta ampjament ċar mix-xhieda ta' Edmond Mugliette (fil-kawża 1002/2014 li qed timxi ma dik odjerna) li kien propju insista li s-soċjetajiet attriċi jkunu parti mill-ftehim u b'hekk il-Qorti hija tal-fehma li jekk kemm -il darba dawn kellhom ikunu assenti,

ċertament li ma kienx jersaq għall-ftehim. Kienet kruċjali għalih li s-soċjetajiet attriċi jkunu parti mill-istess ftehim.

Fir-rigward ta' Alexander Farrugia, għalkemm ix-xhieda mhux espliċita daqs ta' Edmond Mugliette, ukoll jirriżulta li kellu interess li s-soċjetajiet attriċi jkunu parti mill-istess ftehim u dana stante l-insistenza tiegħu li jkun hemm ċertezza li Ryan Schembri seta' propju jirrappreżenta lis-soċjetajiet attriċi fuq l-att. Hawnhekk ukoll Ryan Schembri kkonferma l-posizzjoni tiegħu, minkejja li ftit jiem qabel kien irriżenja mill-kariga.

Fil-kawża fl-ismijiet **Reverendu Saċerdot Don Francesco Zammit et vs Avukat Dottor Anthony Farrugia** et deċiża fil-31 ta' Marzu 1967 mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummerċjali) ingħad:

> *"... Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li sabiex ilqerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar is-siwi tal-istess kuntratt, jeħtieġ li (a) jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi; (ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn ilpartijiet; u (d) li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol finnegozju in kwestjoni."*

Fis-sentenza tal-Prim Awla tal_Qorti Civili fl-ismijiet **Anna Vassallo gja Spiteri vs Mario Spiteri** tat-12 ta' Jannar 2023, il-Qorti sahqet hekk:

> *Dwar il-kunsens karpit b'qerq u għemil doluż, Giorgio Giorgi jispjega b'mod ċar ħafna s-segwenti:*
>
> *Affinche dunque si possa parlare di dolo, sembra indispensabile il concorso di quattro condizioni, 1. intenzione di nuocere; 2. gravita' nei raggiri da renderli sufficienti a sorprendere l'altrui bona fede; 3. nesso logico di causa ed effetto tra il dolo e il contratto; 4. partecipazione del contraente, contro cui viene promossa l'azione di nullita', alle manovre dolose." (Ara Giorgi Teoria Delle Obbligazioni dwar il-kunsens ).*
>
> *Dan it-tagħlim ġie abbraċċjat anke minn dawn il-Qrati, fost oħrajn fis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Cauchi -vs- Borġ et tal-11 ta' Ġunju tal1992.*

**Għalhekk m'hemm l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li Ryan Schembri qarraq kemm b'Edmond Mugliette u kemm b'Alexander Farrugia (u kemm b'kull min kien hemm preżenti fil-kamra) meta deher fuq il-kuntratt *de quo***

**għan-nom tas-soċjetajiet attriċi, Ukoll illi kemm Edmond Mugliette u kemm Alexander Farrugia ma kienux jidħlu għall-kuntratt *de quo* li kieku ma kienx għal dak il-fatt u għalhekk il-kuntratt *de quo* ser ddikjarat null.**

Il-Qorti teħtieġ ukoll tikkunsidra l-posizzjoni ta' Adrian Agius fil-konfront tal-qerq ta' Ryan Schembri. Il-Qorti tifhem li donnu Adrian Agius safa` l-ikbar vittma tal-qerq ta' Ryan Schembri għaliex saħansitra tilef daru! Jirriżulta ampjament ċar mix-xhieda tal-istess Adrian Agius li hu resaq għall-kuntratt dakinhar unikament għax kellu fiduċja f'dak li qallu Ryan Schembri u ċioe` li d-dejn kien verament jeżisti u jappartjeni lis-soċjetajiet attriċi.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Anthony Piscopo v. Charles Filletti et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ġunju 2003 fejn ġie ritenut li ma jistax jiġi allegat ingann meta l-fatti kienu faċilment aċċertabbli:

> *"Dan ma jistax ħlief ifisser illi mhux kwalsiasi ingann ta' kontraent wieħed għad-dannu tal-ieħor jammonta għad-dolo rikjest mil-liġi;*
>
> *"Jidher bil-wisq ċar minn dak ammess mill-istess attur illi hu irpoża l-fiduċja tiegħu fil-konvenut venditur. Jidher daqstant ieħor pero` ċar illi l-attur, kif ġja muri fuq, ma aġixxiex b'mod prudenti.*
>
> *Għall-kuntrarju, sorprendentement ikkomporta ruħu b'leġġerezza għamja. Multo magis, imbagħad, meta l-fatti kienu faċilment aċċertabbli, kif hekk skopra tardivament wara l-akkwist; "Ikun tassew faċli f'każijiet konsimili kieku kellu jiġi aċċettat illi bl-iskuża tal-allegata mala fede da parte ta' wieħed mill-kontraenti, il-kontraent l-ieħor japprofitta ruħu biex jeżimi ruħu mill-obbligu li ma jirrispettax il-pattijiet jew biex iħassar u jannulla ftehim konkjuż;"*

Applikat dan l-insenjament, kuntrarjament għal Edmond Mugliette u Alexander Farrugia li fil-fatt ivverifikaw jekk Ryan Schembri kellux il-jedd li jidher fuq il-kuntratt *de quo*, Adrian Agius m'għamel l-ebda verifika dwar l-allegat djun li s-soċjeta' More Supermarkets (Hamrun) Limited kellha ma' Edmond Mugliette u Alexander Farrugia - verifiki li fil-vesti tiegħu ta' direttur seta' faċilment għamel u anzi kellu l-obbligu illi jaghmel. Saħansitra jirriżulta mix-xhieda tiegħu stess illi kieku vverifika ma kienx jiffirma.

**B'hekk din il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li l-qerq li sar minn Ryan Schembri fil-konfront ta' Adrian Agius iwassal għan-nullita` tal-kuntratt *de quo.* Madankollu, din il-Qorti m'għandix dubju li Adrian Agius m'għandu bl-ebda mod jinżamm responsabbli għal kwalunkwe danni jekk ikun il-każ.**

**Il-kawża tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Gunju 2014**

Is-soċjetajiet attriċi jikkontendu li l-kawża tal-kuntratt *de quo* hija għal kollox falza u ffabbrikata u dana stante li s-soċjetajiet attriċi qatt ma sselfu flus mingħand Alexander Farrugia.

L-artikolu **987 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid testwalment hekk:

> ***987.*** *L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett.*

Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kummerċjali fl-ismijiet **Reno Dingli vs Edgar Tabone** deċiża fit-3 ta' Novembru 1967 fejn intqal is-segwenti:

> *Kif ġie rilevat fl-Appell Ċivili fl-ismijiet* ***Francis Cassar vs Spiridione Mizzi noe et*** *deċiża fil-21 ta' Lulju 1965, fuq in-nozzjoni ta' "causa" tal-kuntratti teżisti, kif jirrikonoxxu l-awturi, oskurita' kbira u dana, l-aktar, minħabba l-fatt illi l-espressjoni 'causa' hu suscettiva ta' diversi sinifikati. F'dan il-każ il-Qorti mingħajr ma daħħlet f'dettalji u sottiljezzi dottrinali li ma kienux neċessarji aċċetta bħala suffiċjentement eżatta d-definizzjoni ta' "causa" mogħtija minn Baudry Lacantinerie fis-sens illi "causa" hi "lo scopo immediato e quindi essenziali del quale si contratta. Edda e' la regione d'essere dell'obbligazinoe, il suo perche'*

Ikun opportun li in vista tal-kontenut tal-artikolu 987 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġu ċitati wkoll l-artikoli **989 u 990 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħidu testwalment hekk:

> ***989.****Jekk il-kawża espressa tkun falza, il-ftehim jista', b'dankollu, jinżamm sħiħ, kemm-il darba jiġi ppruvat li kien hemm kawża oħra.*
>
> ***990.****Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku.*

Din il-Qorti tifhem li s-soċjetajiet attriċi bl-ebda mod m'huma qed jgħidu jew jimplikaw li l-kawża tal-kuntratt *de quo* hija waħda illeċita' u għalhekk ser tgħaddi sabiex teżamina jekk il-kawża espressa fil-kuntratt *de quo* hiex waħda falza.

Il-Qorti tirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet **Joseph Schembri vs Robert Butler** deċiża fil-25 ta' Novembru 1958 fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *Skond l-art. 1032 (art.989), jekk il-kawża espressa tkun falza, il-ftehim jista', b'dana kollu jinżamm sħiħ, kemm -il darba jiġi pruvat li kien hemm kawża oħra; każ li jirrikorri meta jkun hemm*

*simulazzjoni, billi jkun hemm f'dan il-każ dik il-kawża vera moħbija li, jekk suffiċjenti u leċita, iżżomm l-eżistenza tal-obbligazzjoni... L-attur irid li l-ftehim jibqa' jseħħ, pero' għal kawża oħra, dik moħbija mill-kawża simulata, u l-fatti li taw lok għall-kawża juru għall-evidenza li hu għandu interess jiddimonstra x'kienet il-kawża vera. Del resto, ma hemmx dubju illi min jallega falsita' tal-kawża għandu jiġi ammess li jiddemonstraha. "E' sempre lecito provare", jgħid Laurent, "che una dichiarazione qualsiasi contenuta in un atto sia falsa; poco importa che vi sia o no una causa divera" (Vol, XVI, paġ. 128).*

Jirriżulta li fil-każ odjern il-kawża tal-kuntratt *de quo* kien id-dejn tas-soċjetajiet attriċi, flimkien ma' oħrajn ma' Alexander Farrugia. Il-Qorti tirreferi estensivament għax-xhieda ta' Alexander Farrugia nnifsu minn fejn jemerġi b'mod ċar li (1) Alexander Farrugia personalment qatt ma silef flus la lis-soċjetjiet attriċi u lanqas lil xi parti oħra milli dehru fuq il-Kuntratt *de quo*, u (2) Ċertament li dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratt *de quo*, kif anke kkonfermat min-Nutar Claire Camilleri nnifisha, kif ukoll mix-xhieda l-oħra preżenti, Alexander Farrugia m'għadda l-ebda flus lil partijiet, anke jekk id-dicitura fl-istess kuntratt tindika mod iehor.

Jibqa' għalhekk il-kwistjoni dwar jekk Alexander Farrugia silifx ammont ta' flus lis-soċjetajiet attriċi għan-nom ta' terzi u għalhekk hemm erba' kwistjonijiet li l-Qorti trid tqis: (1) kienx hemm transazzjoni ta' flus, (2) din it-transazzjoni saritx lis-soċjetajiet attriċi, (3) kienx fil-fatt self jew investiment, u (4) l-irwol ta' Alexander Farrugia bħala mandatarju.

Dwar l-ewwel kwistjoni, ma jirriżulta minn mkien mix-xhieda li saret xi transazzjoni li turi self jew imqar moviment ta' flus fis-somma ta' miljun u ħames mitt elf Ewro (€1,500,000) – dik li l-Ingliżi jsejħu *money trail* bl-ebda mod ma ġie ppruvat f'din il-kawża. Fix-xhieda tiegħu Alexander Farrugia jgħid li l-ewwel ammont ta' miljun Ewro (€1,000,000) għaddew fuq l-idejn ġewwa l-Libja (li l-Qorti diġa` esprimiet ruħha dwar din it-tip ta' transazzjoni) u li t-tieni ammont ta' ħames mitt elf Ewro (€500,000) għaddew direttament minn terzi għal Ryan Schembri. Pero` prova ta' dan għajr il-kliem ta' Alexander Farrugia ma nġibitx. Il-konvenut Alexander Farrugia kellu kull opportunita` li jagħmel din il-prova billi, per ezempju, iressaq bhala xhud lil Abdul Raman (l-allegat persuna wara s-self), seta' wkoll esebixxa kopja ta' kontijiet minn fejn hargu u fejn daħlu dawn il-flus - iżda dan ma sarx u għalhekk din il-Qorti ma tistax tiddikjara lilha nnifisha konvinta li l-flus qatt fil-fatt għaddew.

Lanqas ma jirrizulta illi s-soċjetajiet attriċi qatt rċievew xi somma flus (anke jekk mhux f'forma ta' self) mingħand Alexander Farrugia.

In vista ta' dan, din il-Qorti ma tħossx li hemm il-ħtieġa li tikkunsidra l-kwistjoni oltre` u dana stante li l-Qorti hija konvinta, illi mill-provi prodotti ma jirrizultax illi Alexander Farrugia silef flus lis-soċjetajiet attriċi u m'hemm lanqas l-ebda prova li għamel dan għal ħaddieħor.

**Għaldaqstant, il-qorti tqis illi l-kuntratt *de quo* hu ibbażżat fuq kawża falza u għalhekk ma jista' jkollu ebda effett fil-liġi.**

**Konsegwentament, in vista tas-suespost, din il-Qorti ser tkun qed tilqa' t-tielet talba attriċi u tordna r-rexissjoni tal-att ta' Kostituzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014 (li kopja tieghu tinsab a fol 23 tal-process) fil-konfront tas-soċjetajiet attriċi.**

## It-talba għad-danni

Illi gja la darba din il-Qorti stabiliet il-qerq da' parti ta' Ryan Schembri u l-kawża falza li ser iwwaslu lil din il-Qorti biex tordna r-rexissjoni tal-kuntratt *de quo* fil-konfront tas-soċjetajiet attriċi, jeħtieġ issa li tikkunsidra t-talbiet attriċi għad-danni riżultanti mill-istess.

Il-Qorti tirreferi għall-artikolu **1031 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:

> ***1031**. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Martin Paul Vella et vs Chris Micallef** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2010 fejn il-Qorti qalet:

> *F'materja ta' danni hu ben assodat illi l-kundanna dwarhom tippresupponi htija f'min ikun gabhom fis-sehh. Htija din li trid per forza tirrizulta minn xi att jew trasgressjoni tad-dover u mankanza tad-debita diligenza, ghal liema jirreferu l-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili. Bir-ragun, kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet **"George Thomas Davison -vs- Joseph Azzopardi nomine**", Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu, 1962, "mill-analisi ta' l-istess disposizzjonijiet tal-ligi jirrizulta illi ghall-applikazzjoni taghhom ghandhom jikkonkorru tliet elementi li huma (1) il-fatt dannuz illecitu, (2) l-imputabilita` ta' l-istess fatt ghal min ikun ghamlu, u (3) id-dannu kagonat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi ghandhom bilfors jikkonkorru f'delitt civili, jew fi kwazi-delitt li jobbligaw l-awtur taghhom ghar-rizarciment tad-dannu kagonat mhux biss lill-vittma ta' l-att illecitu, imma anke lil kull min indirettament jirrizenti d-danni; liema delitti u kwazi-delitti huma*

*msemmijin mil-legislatur fir-rubrika tal-Kap II tas-Subtitolu II tat-Titolu IV tat-Tieni Parti tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili, u li huma kumulattivament dezinjati taht l-isem generiku ta' 'htija' fl-artikolu citat";*

*Huwa bil-wisq logiku illi jekk din il-htija ma tigix ammessa jew konfessata, l-istess riedet tigi investigata u determinata, preordinatament ghall-kundanna. Jikkonsegwi illi l-ezercizzju li kellu jsir mill-Gudikatur kien wiehed li jimporta mhux biss attenzjoni lill-allegazzjoni ta' l-atturi imma wkoll lid-difiza tal-konvenut. Fuq kollox, jekk giex sewwa u konvincentement sodisfatt il-principju tal-piz tal-provi da parti ta' l-atturi, trattasi li l-kolpa f'materja akwiljana trid dejjem tigi provata minnhom. Prova din li l-Gudikatur kellu jakkwizixxi mill-materjal probatorju offert jew dezunta mill-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz;*

*Hi dottirna elementari sew maghrufa illi "per dare luogo a responsabilita` è necessario che esiste un rapporto di causa ad effetto tra il fatto illecito e il danno" (ara* ***Fadda, "Giurisprudenza sul Codice Civile****", Vol. V p. 721). Dan Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 19 minn 21 Qrati tal-Gustizzja il-principju sab rispons favorevoli f'diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna, kif tixhed is-sentenza fl-ismijiet "***Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et****", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1928. Fi kliem iehor, "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuz" ("***John Debono et -vs- Negte. Joseph Muscat proprio et nomine****", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960. Ara wkoll "***Paul Debono -vs- Malta Drydocks****", Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' April, 2005;*

*Premessi l-predetti spunti ta' dritt, din il-Qorti tistqarr illi ma thossiex ghal kollox sodisfatta illi mill-istruzzjoni talprocess tohrog il-prova inkonfutabbli li tallaccja d-danni lamentati mill-atturi ma' l-izvilupp li sar fil-fond tal-konvenut, u, anzi, jidhrilha li ghall-ahjar intelligenza tal-kaz kien mistenni li t-Tribunal jikkonduci apprezzament aktar ragonat in mertu ghaz-zewg stadji fokali ta' l-"an" u tal- "quantum", ossija dik tar-responsabilita` u ta' l-ezistenza tal-mizura tad-danni;*

*Hu ovvju illi kull kaz irid jigi konsiderat fil-fattispeci partikolari tieghu. F'dan il-kaz, ghallanqas fuq il-fehma tal-Qorti, mill-istat tal-provi ma jistax jigi desunt hekk car illi kien jirrikorri r-rekwizit tan-ness ta' kawzalita` biex jista' jigi validament ritenut li l-izvilupp li sar kien il-kawza ewlenija li gabet fis-sehh id-danni allegati mill-atturi. Dan qieghed jigi rilevat ghaliex il-Qorti ma ghandhiex ic-certezza morali*

*illi verament l-atturi rnexxielhom jipprovaw illi dawk id-danni, jekk jezistu, kienu tabilhaqq l-effett u r-rizultat ta' xi kondotta abuziva da parti tal-konvenut jew tal-haddiema tal-kuntrattur kommissjonat minnu. Ghall-kuntrarju, il-Qorti jidhrilha li dawn ma naqsux milli josservaw dak il-parametru standard tad-diligenza tal-bonus paterfamilias ghal liema jirreferi l-Artikolu 1032 (1) tal-Kapitolu 16, bl-uzu ta' dawk il-kawteli u tad-dover generali tan-neminem laedere. Ara "***Gaetano Spiteri proprio et nomine -vs- Thomas Castle***", Prim' Awla, Qorti Civili, 18 ta' Awissu, 1965 per Imh. Maurice Caruana Curran;*

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, jirriżulta li l-unika prova ta' danni mressqa mis-soċjetajiet attriċi hija lista ta' proċeduri, deċiżi u pendenti, intavolati mill-kredituri tas-soċjetajiet attriċi. Is-soċjetajiet attriċi jikkontendu li kieku ma kinux għall-mandati ta' sekwestru eżekuttivi intavolati wara l-kuntratt *de quo* u l-kuntratt soġġett tal-kawża, l-istabillimenti ma kinux jagħlqu u b'xi mod il-kredituri kienu jitħallsu.

Il-Qorti mhix konvinta minn dan l-argument tas-soċjetajiet attriċi għal diversi raġunijiet. Primarjament, ma kien hemm xejn xi jżomm lil Alexander Farrugia u lil Edmond Mugliette milli jintavolaw mandati kawtelatorji jekk kemm -il darba ma kellhomx il-kuntratti *de quo* – l-effett kien ikun identiku. It-tieni nett, il-Qorti hija tal-fehma li ma kienux il-mandati ta' sekwestru li wasslu sabiex il-kredituri jiġru wara flushom – tant hu hekk li l-Enemalta kienet diġa` qatgħet id-dawl fi stabbilment minnhom. Is-soċjetajiet rikorrenti jikkontendu li kieku ma sarux il-mandati forsi wieħed seta` jinnegozja aħjar. Il-Qorti għandha dubji serji dwar dan, u oltre` minn hekk kien sta għall-istess soċjetajiet attriċi li jġibu prova ta' dan – liema prova ma sartix u baqghet biss fuq livell ta' suppozizzjoni.

Oltre` minn hekk, is-soċjetajiet attriċi qegħdin jippretendu wkoll danni *arbitro boni viri* li jirrappreżenta telf ta' qligħ futur. Il-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda u l-provi kollha miġjuba f'dawn il-proċeduri u jirriżulta li s-soċjetajiet attriċi qatt ma ssottomettew *audited accounts* u meta saru *accounts* kif suppost irriżulta li l-istabbilimenti kienu qed jagħmlu telf – telf ta' wieħed punt sebgħa miljun Ewro (€1,700,000) fl-unika sena sħiħa li operaw biex il-Qorti tkun preċiża.

Is-soċjetajiet attriċi, li għandhom numru ta' proċeduri fil-konfront tagħhom, ma jistgħux jippretendu li din il-Qorti tittrasferixxi l-problemi tad-djun kollha tagħhom fuq terzi u jingħataw *carte blanche* sabiex jerġgħu jibdew joperaw daqs li kieku ma ġara xejn u terga' tistabilixxi somma ta' flus *arbitro boni viri* biex ikunu jistgħu joperaw komodament.

**Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tiċħad kwalunkwe talba għad-danni kif dedotta mis-soċjetajiet attriċi.**

**GĦALDAQSTANT**, għal dawn ir-raġunijiet hawn fuq moghtija u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi, filwaqt illi, filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti konformament ma' dak hawn fuq deċiż:

1) **Tilqa' limitatament l-ewwel talba** u tiddikjara li Ryan Schembri kkommetta qerq meta rrappreżenta ruħu b'mod falz bħala persuna awtorizzata li jirrappreżenta lis-soċjetajiet More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd.

2) **Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara** l-kawża tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014 bħala falza u li s-soċjetajiet attriċi qatt ma sselfu flus mingħand il-konvenut Alexander Farrugia.

3) **Tilqa' t-tielet talba u tordna** r-rexissjoni tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014.

4) **Tilqa' r-raba' talba u tordna** t-tħassir u l-kanċellament tal-ipoteka ġenerali imsemmija fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014.

5) **Tilqa' l-ħames talba u tordna** t-tħassir tal-kambjala msemmija fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014.

6) **Tinnomina lin-Nutar** Dr Robert Muscat għall-pubblikazzjoni tal-Att ta' rexissjoni tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014 u tordna illi dan ghandu jsir sa mhux aktar tard minn erba' xhur mill-llum.

7) **Tinnomina lill-Avukat** Dr Victoria Cuschieri sabiex tirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

8) **Tiċħad is-seba', tmien u d-disa' talbiet attrici.**

Għal dak hawn fuq deċiz u sollevat, il-Qorti tordna illi l-ispejjes tal-kawża, inkluz minn dawk relatati mal-kuntratt ta' rexxissjoni skond din is-sentenza, għandhom jiġu sopportati fl-intier tagħhom mill-konvenuti Alexander Farrugia u Ryan Schembri *in solidum* bejniethom.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lill-<u>Kummissarju tat-Taxxi</u>, lill-<u>Financial Intellegence Analysis Unit</u> (FIAU), lill-<u>Kummissarju tal-Pulizija</u> u lill-<u>President tal-Kunsill Notarili (Malta)</u>.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**